*DIVIZJONI*

*PRESKRIZZJONI - ART 495(3) TAL-KAP 16*

*TESTMENT UNICA CHARTA*

*FAKOLTA' DI VARIARE*

*ART 593 U 594 TAL-KAP 16*

*LEGAT REMUNERATORJU - SERVIGI*

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## MHALLEF

## ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

## Seduta ta' nhar il-Hamis, 11 ta' April 2019

**Kawza Numru : 12**
**Rikors Guramentat Numru : 415/2014/LSO**

**Emanuel Falzon (KI44160M), Carmel Falzon (KI 863952M), Gaetano Falzon (KI671555M), Grazio Falzon (KI 241157M), Raymond Falzon (KI 696362M), Saviour Falzon (KI 53666M)**

**u Emanuela (KI 743350M) mart John Cuschieri**

**vs**

**Alfred Falzon**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors guramentat ta' Emanuel Falzon et datat 14 ta' Mejju 2014 fejn bir-rispett u bil-gurament tieghu Gaetano Falzon ikkonferma:-

Illi l-kontendenti huma wlied il-mejtin George u Giuditta konjugi Falzon, li mietu rispettivament fl-1 ta' Settembru 1985 u fis-6 ta' Jannar 2014, skont certifikati tal-mewt hawn annessi u mmarkat bhala Dokument EF1 u EF2.

IIIi l-wirt ta' George Falzon iddevolva b'zewg testmenti *unica charta* ta' l-10 ta' Jannar, 1984 u tas-7 ta' Awwissu, 1985, fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Brincat, kif jirrizulta mid-Dokumenti hawn annessi EF3, EF4, EF5 u EF6, fejn halla l-uzufrutt generali lil martu Giuditta Falzon u nnomina bhala eredi universali tieghu lil kontendenti f' ishma indaqs bejniethom, wara li jithallsu l-prelegati hemm imsemmija.

Illi kif jirrizulta mit-testmenti *unica charta* ta' l-10 ta' Jannar 1984 u tas-7 ta' Awwissu, 1985, fl-atti tan-Nutar Dr Joseph

Brincat, il-konjugi George u Giuditta Falzon, ma tawx lis-superstiti fosthom il-*facolta` di variare.*

Illi s-superstiti Giuditta Falzon wara l-mewt ta' zewgha, ghamlet tliet testmenti ohra tat-22 ta' Ottubru 2008, 28 ta' Marzu 2009 u 18 ta' Settembru 2009, ilkoll fl-atti tan-Nutar Dr William Azzopardi skont dokumenti hawn annessi u mmarkati EF7, EF8, EF9, EF10, EF11.

Illi l-atturi jridu jaccettaw l-eredita` tal-mejjet missierhom George Falzon, kif imholli lilhom bit-testmenti tieghu ta' l-10 ta' Jannar 1984 u tas-7 ta' Awwissu, 1985, fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Brincat, waqt li huma qed jirrinunzjaw ghal eredita` tal-mejta ommhom Giuditta Falzon skont dokument EF14 u jzommu ferm id-dritt taghhom ghal porzjoni rizervata spettanti lilhom skont il-Ligi.

Illi bit-testment ta' l-10 ta' Jannar 1984, fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Brincat, il-mejjet George Falzon halla skont it-Tielet Artikolu tat-testment tieghu bhala titolu ta' prelegat, prelevabbli wara l-mewt tas-superstiti Giuditta Falzon, nofs indiviz tal-*garages* li jinsabu kollha go bitha komuni li tizbokka f' Guze Dimech Debono Street, Fleur-de-Lys, Birkirkara, *ossia garages*:

i. 10 u San Gorg - lir-rikorrenti Alfred Falzon
ii. 1 u 7 - lir-rikorrenti Carmelo sive Charles Falzon
iii. 2 u 6 - lir-rikorrenti Gaetano Falzon
iv. 14 u 9 - lir-rikorrenti Grazio Falzon
v. 3 u 4 - lir-rikorrenti Emanuel Falzon
vi. 13 u 11 - lir-rikorrenti Saviour sive Silvio Falzon

vii. Sunshine 1 u Sunshine 2 - lir-rikorrenti Raymond Falzon

Illi bir-Raba' Artikolu tat-testment ta' l-10 ta' Jannar 1984, fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Brincat, il-mejjet George Falzon halla n-nofs indiviz tad-dar 101 bix-*showroom* anness maghha fi Fleur-de-lys Road, Birkirkara, u dan b'titolu ta' prelegat, prelevabbli wara l-mewt tas-superstiti lil bintu Emanuela sive Lily Cuschieri.

Illi salv il-prelegati hawn fuq imsemmija, il-mejjet George Falzon innomina f' ishma indaqs bejniethom lil uliedu l-kontendenti kollha in kawza.

Il-kontendenti kollha accettaw l-eredita' tal-mejjet missierhom George Falzon, pero' huma ghadhom ma gewx imessi fil-pussess tal-prelegati mhollija lilhom mill-mejjet missierhom George Falzon, wara l-mewt ta' ommhom Giuditta Falzon *ai termini* ta' l-istess testmenti tieghu.

Illi dawn is-sustanzi immobbli u mobbli provenjenti mill-eredita` tal-mejjet George Falzon, gew iddikjarati lil Kummissarju tat-Taxxi Interni skont denunzja li kopja taghha qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. EF12.

Illi r-rikorrenti ma accettawx l-eredita` tal-mejta ommhom u qed jirrinunzjaw ghal wirt taghha, salv id-dritt taghhom ghal porzjoni rizervata spettanti lilhom fuq l-eredita` tal-mejta ommhom u dan *ai termini* ta' l-Artikolu 616 tal-Kodici Civili.

Illi galadarba l-mejta ommhom bidlet it-testmenti *unica charta* tal-10 ta' Jannar 1984 u tas-7 ta' Awwissu 1985, fl-

atti tan-Nutar Dr Joseph Brincat, minghajr ma kellha d-dritt tal-*facolta` di variare* fl-imsemmija testmenti, jrid jizdied mal-massa ereditarja tal-mejjet George Falzon, l-uzufrutt kollu li l-mejta Giuditta Falzon gawdiet minn fuq is-sehem indiviz tal-mejjet George Falzon tal-proprjeta' kollha li huwa kellu.

Illi l-imsemmi jedd tas-sehem riservat huwa kreditu tal-valur tal-beni tal-mejta Giuditta Falzon u kontra l-istess beni tal-mejta Giuditta Falzon ghandhom jizdiedu l-imghaxxijiet bir-rata stabbilita fl-Artikolu 1139 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta mid-data tal-ftuh tas-successjoni tal-mejta Giuditta Falzon li mietet fis-6 ta' Jannar 2014, galadarba s-sehem riservat qieghed jintalab fi zmien sentejn mid-data tal-mewt taghha u dan *ai termini* ta' l-Artikolu 615(2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi r-rikorrenti atturi ma jridux jibqghu iktar in komun ma' l-intimat ghar-rigward sehemhom mill-eredita` tal-mejjet missierhom George Falzon u minkejja li interpellawh biex jersaq ghal likwidazzjoni ta' l-eredita` fuq imsemmija u biex jimittihom fil-prelegati hawn fuq imsemmija, kif ukoll biex jirritorna fil-massa ereditarja tal-mejjet George Falzon, l-uzufrutt kollu li l-mejta Giuditta Falzon gawdiet, huwa baqa' inadempjenti.

Illi in oltre' huwa lanqas ma resaq biex jillikwida s-sehem riservat u imghaxijiet dovut lilhom fuq l-eredita` tal-mejta ommhom Giuditta Falzon *ai termini* tal-Ligi.

Illi r-rikorrenti interpellaw lill-intimat biex jersaq ghal din it-tali divizjoni u likwidazzjoni ta' sehem riservat, fuq l-eredita` ta'

George Falzon u Giuditta Falzon permezz ta' ittra ufficjali tal-21 ta' Marzu 2014, li kopja taghha qieghda tigi hawn annessa u mmarkat Dok. EF 13.

Ghaldaqstant, jghid ghalhekk l-intimat prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi, ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi fuq il-konsistenza ta' l-assi u immobbli, drittijiet reali u personali konsistenti l-komunjoni ta' l-akkwisti, ezistenti bejn il-mejta George u Giuditta Falzon.

2. Timitti fil-pussess tal-prelegati imhollija lil kontendenti Alfred Falzon, Carmelo sive Charles Falzon, Gaetano Falzon, Grazio Falzon, Emanuel Falzon, Saviour *sive* Silvio Falzon, Raymond Falzon u Emanuela *sive* Lily Cuschieri imholli lilhom mill-mejjet missierhom bit-testment tal-10 ta' Jannar 1984 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Brincat konsistenti fin-nofs indiviz tal-*garages* 10 u "San Gorg" lil Alfred Falzon; 1 u 7 lil Carmelo *sive* Charles Falzon, 2 u 6 lil Gaetano Falzon, 14 u 9 lil Grazio Falzon, 3 u 4 lil Emanuel Falzon, 13 u 11 lil Saviour *sive* Silvio Falzon, "Sunshine 1" u "Sunshine 2" lil Raymond Falzon f'bitha komuni li tizbokka f'Guze Dimech Debono Street, Fleur-de- Lys, B'Kara u nofs indiviz ta' 101 mix-*showroom* anness mieghu fi Fleur-de-Lys Road, B'Kara lil Emanuela Cuschieri.

3. Salv il-premess tiddividi l-assi mobbiljari u immobbiljari, drittijiet reali u personali konsistenti l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn George u Giuditta Falzon f'zewg ishma b'dan illi s-sehem tal-mejjet George

Falzon ghandu jinqasam fi tmien porzjonijiet ugwali inkluz f' dan is-sehem il-valur tal-uzufrutt kollu li l-mejta Giuditta Falzon gawdiet minn fuq l-eredita' tal-mejjet zewgha George Falzon ossija mill-1 ta' Settembru 1985 sas-6 ta' Jannar 2014 galadarba hija bidlet it-testmenti 'unica charta' hawn fuq imsemmija meta ma kellhiex il-fakolta' *di variare* u tassenja kull sehem ghal kull kontendent waqt li sehem il-mejta Giuditta Falzon jigi assenjat lill-intimat Alfred Falzon.

4. Tillikwida s-sehem riservat dovut lir-rikorrenti mill-eredita' tal-mejta ommhom Giuditta Falzon inkluz l-imghaxijiet mid-data tal-mewt taghha ossija 6 ta' Jannar 2014 bir-rata stabbilita fl-Artikolu 1139 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta liema sehem m'ghandux ikun anqas minn nofs dak il-valur tal-eredita' taghha.

5. Tikkundanna lill-intimat Alfred Falzon ihallas lir-rikorrenti is-sehem riservat dovut lilhom mill-eredita' tal-mejta ommhom Giuditta Falzon inkluz l-imghaxijiet mid-data tal-mewt taghha ossija mis-6 ta' Jannar 2014 bir-rata stabbilita fl-Artikolu 1139 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att ta' divizjoni relattiv u immissjoni fil-pussess tal-prelegati hawn fuq imsemmija f'jum, hin u lok stabbilit minn din il-Qorti.

7. Tinnomina kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw l-eventwali kontumacja fuq l-att relattiv ta' divizjoni u immissjoni fil-pussess tal-prelegati hawn fuq imsemmija.

8. Fin-nuqqas li l-eredita' tal-mejjet George Falzon mhix komodament divizibbli, tordna li l-assi immobbiljari tal-mejjet George Falzon salv il-prelegati fuq imsemmija, ghandhom jinbieghu b'licitazzjoni u r-rikavat mill-istess licitazzjoni ghandhom jinqasmu fi tmien ishma bejn il-partijiet.

Bl-ispejjez inkluz tal-ittra ufficjali tal-21ta' Marzu 2014 u l-ittra legali tat-3 ta' Marzu 2014 u bl-ingunzjoni tal-intimat ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-26 ta’ Gunju 2014.

Rat ir-risposta guramentata ta' Alfred Falzon, detenur karta ta' l-identita` numru 66355(M) datata 16 ta’ Gunju 2014 (fol 44) fejn bil-gurament tieghu ddikjara u kkonferma s-segwenti:

1. Illi it-talbiet tar-rikorrenti atturi, huma nfondati fil-fatt u fi-dritt.

2. Illi preliminarjament il-gudizzju mhux wiehed integru u dan peress illi kellhom jigi ngunti wkoll Annalise u Jean Paul Falzon, li jigu wlied wiehed mir-rikorrenti atturi, u dan peress illi skont wiehed mit-testementi tad-defunta Giuditta Falzon, u cioe` dak datat t-tnejn u ghoxrin (22) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmienja (2008), (anness u esebiet mir-rikorreti atturi bhala Dok EF 7 mar-rikors promotur), huma gew nominati eredi, minflok missierhom Raymond Falzon;

3. Illi preliminajament ukoll it-talbiet attrici huma preskritti a tenur ta' l-artikolu kif ukoll preskritti *ai termini* ta' l-Artikolu 495 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi fit-tielet lok, minghajr pregudizzju u fil-mertu, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda ghal dak li jirrigwarda l-bidliet li ghamlet id-*decuius* Giuditta Falzon favur l-esponent, u dan *stante* hija ghamlet biss legati rimuneratorji favur l-esponent peress illi renda servigi fil-konfront taghha qabel mietet. Fil-gurisprudenza hu accettat li thollija ta' legat rimuneratorju ma jwassalx sabiex it-testatur li jibqa' haj jiddekadi mill-vantaggi li jikseb minn dak it-testment, in kwantu legat simili jikkonsisti fi hlas ta' dejn.

5. Illi ghaldaqstant l-esponenti ma jopponix ghad-divizjoni tal-wirt purche` li dan isir skont it-testmenti kollha tal-mejtin George u Giuditta konjugi Falzon.

6. Illi b'referenza ghar-raba' talba mhuma dovuti l-ebda imghaxijiet *stante* illi l-ammont mitlub mhux cert, likwidu u dovut pero` ghad irid jigi likwidat. L-imghaxijiet jibdew jiddekorru minn meta jigi stabbilit l-ammont fis-sentenza.

7. Salvi eccezzjonijiet ulerjuri.

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet ta' Emanuel Falzon (KI44160M) datata 23 ta' Lulju 2018 a fol 673 tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Alfred Falzon detentur ta' karta tal-identita` numru 663551M ipprezentata *seduta stante* fis-seduta tal-11 ta' Ottubru 2018 a fol 690 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 27 ta' Novembru 2018 fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr Daniel Buttigieg u Dr Edward Debono ghall-atturi, prezenti fl-Awla, u Dr Yanika Vidal ghall-konvenut prezenti fl-Awla. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni ta' Dr Daniel Buttigieg u ta' Dr Edward Debono, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Dr Edward Debono ghamel referenza ghas-sentenza PA - JZM - fl-ismijiet: "Raffaela Vella vs Saviour Vella et" - Cit Nru: 440/2010/JZM - deciza 29.02.2016. Dr Vidal irrimettiet ruhha ghan-nota ta' osservazzjonjiet taghha. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta' Frar 2019 fid-9:30a.m.

Rat il-verbal tat-28 ta' Frar 2019 fejn b'ordni tal-Qorti l-kawza giet differita ghall-istess skop tal-ahhar verbal ghat-28 ta' Marzu 2019, u tat-28 ta' Marzu 2019 fejn il-kawza giet differita ghall-istess skop tal-ahhar verbal ghall-11 ta' April 2019.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET PRELIMINARI

Illi permezz ta' din il-kawza qed jintalab il-likwidazzjoni tal-assi tal-komunjoni tal-akkwisti gja ezistenti bejn id-defunti George u Giuditta Falzon. Inoltre, qed jintalab l-imissjoni fil-pussess tal-prelegati imhollija lill-partijiet. Qed jintalab ukoll,

li jigu divizi l-assi mobiljari u immobiljari, ezistenti fil-komunjoni tal-akkwisti, b'dan li s-sehem tad-defunt George Falzon jigi maqsum fi tmien porzjonijiet ugwali. F'dan is-sehem l-atturi qed jitolbu li jigi nkluz il-valur tal-uzufrutt li gawdiet is-superstiti, Giuditta Falzon, *stante* li hija bidlet it-testment *unica charta* meta hija ma kellhiex il-fakolta` *di variare*. Ir-rikorrenti qed jitolbu wkoll is-sehem riservat spettanti lilhom mill-wirt ta' ommhom.

L-intimat laqa' billi preliminarjament sostna li l-gudizzju mhuwiex integru *stante* li Annalise u Jean Paul Falzon mhumiex parti f'dan il-kaz; li t-talbiet huma preskritti a tenur tal-artikolu 495 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta; fil-mertu, gie eccepit li t-talbiet tar-rikorrenti rigward il-bidliet testamentarji li ghamlet Giuditta Falzon ghandhom jigu michuda billi legat remuneratarju mholli lill-intimat ghas-servigi rezi ma jwassalx biex it-testatur superstiti jiddekadi mill-vantaggi li jikseb minn dak it-testment; li ma jopponix ghad-divizjoni tal-wirt sakemm isir skont it-testmenti kollha tad-defunti George u Giuditta Falzon. Inoltre`, gie sostnut li mhuma dovuti l-ebda imghaxijiet *stante* li l-ammont mitlub, mhuwiex cert, likwidu u dovut, u ghad irid jigi likwidat.

**<u>Fatti:</u>**

Jirrizulta li l-partijiet fil-kaz in ezami huma ahwa u ulied tad-defunti George u Giuditta Falzon. Il-konjugi Falzon kienu irregolaw il-wirt taghhom permezz ta' zewg testmenti *unica charta* datati 10 ta' Jannar 1984, u 7 ta' Awwissu 1985 rispettivament (Dok EF3, EF4, EF5 u EF6). Jirrizulta li George Falzon miet fl-1 ta' Settembru 1985. In segwitu, is-superstiti Giuditta Falzon kienet ghamlet tliet testmenti ohra,

datati 22 ta' Ottubru 2008, 28 ta' Marzu 2009 u 18 ta' Settembru 2009, esebiti a fol 18 *et sequens,* fejn saru legati rumuneratorji lill-intimat. Giuditta Falzon mietet fis-6 ta' Jannar 2014. Konsegwentement, ir-rikorrenti irrinunzjaw ghall-wirt ta' ommhom b'riserva ghas-sehem riservat, u pprocedew bit-talbiet taghhom fil-kaz odjern.

**Provi:**

**Carmel Falzon** xehed permezz ta' affidavit (fol 55-57) u qal li hu wiehed mit-tmien ulied ta' George u Giuditta Falzon. Semma li l-genituri tieghu kienu ghamlu testment *unica charta* datat l-10 ta' Jannar 1984, fejn hu u hutu thallew bhala eredi universali flimkien, fost prelegati mhollija. Spjega li wara l-mewt ta' missieru fl-1 ta' Settembru 1985, huh Alfred ikkappara lil ommu, kien guvni u baqa' ighix maghha d-dar. Qal li fil-fatt, meta hutu bdew jizzewgu u baqa' biss huh Alfred id-dar ma' ommu is-sitwazzjoni bdiet tiddeterjora, u l-attegjament taghha kien ikun differenti meta jkun prezenti Alfred. Zied ighid li ghall-habta tal-2005, ommu kienet talbet kaxxa tad-deheb lil ohtu Emanuela Cuschieri, biex jibda jiehu hsieb kollox Alfred. Semma li f'dak iz-zmien Alfred kellu kontroll assolut fuq ommu u geghlha ittih prokura generali. Qal li din il-prokura kienet tintuza sabiex Alfred kien ikaxkar gid ommu, billi kif jidher minn Dok A u Dok B ingibdu €40,000 fi tlett snin, meta ommu ma kintix tohrog mid-dar, u l-ghada tal-mewt ta' ommu fis-7 ta' Jannar 2014, ingibdu €1,000. Qal ukoll, li ma setax jemmen kif ommu ddisponiet minn gidha bil-mod kif ghamlet permezz tat-testmenti datati 28 ta' Marzu 2009 u 18 ta' Settembru 2009. Spjega li ghalkemm missieru kien halla lil ommu bhala uzufruttwarja, izda ma tahiex id-dritt li tbiddel it-testment, b'hekk il-valur tal-uzufrutt

li hi nghatat minn missieru ghandu jizdied mal-valur tal-gid li missieru halla lilu u lil hutu.

Ghalhekk qed isostni li mill-wirt ta' missieru hu ghandu ottava (1/8) parti indiviza minn nofs indiviz tal-garaxxijiet imsemmija u elenkati fl-affidavit, u kif ukoll mill-proprjetajiet f'Psaila Street B'Kara u d-dar Fleur de Lys Road B'Kara. Spjega li ghalhekk, huma accettaw il-wirt ta' missierhom, izda rrinunzjaw ghall-wirt ta' ommhom, izda zammew ferm, li huma jiehdu s-sehem riservat dovut lilhom mill-wirt ta' ommhom.

**In kontro-ezami** qal (fol 586-587)[1] li minn meta Alfred kellu l-prokura beda jaghmel ta' rasu, u kkonferma dan billi kien gibed €1,000 gurnata wara l-mewt ta' ommu. Qal li Alfred kien jaghmel pressjoni fuq ommu, billi kien qatghalha t-telefon meta kienet ghadha hajja. Qal li hu kien imur darba fil-gimgha u xi drabi ohra meta kien icempel lil Alfred biex jiftahlu.

**Raymond Falzon** xehed permezz ta' affidavit (fol 68-69) u qal li hu wiehed mit-tmien ulied ta' George u Giuditta Falzon, li ghamlu testment *unica charta* datat 10 ta' Jannar 1984, fejn l-ahwa thallew eredi universali. Qal li dak kien l-ahhar testment ta' missieru b'hekk jirregola l-wirt ta' missieru, fejn ommu kienet thalliet uzufruttwarja tal-proprjeta` tieghu kollha. Semma li fl-2005, ommu kienet tat prokura lil huhom il-kbir, Alfred. Qal li s-sitwazzjoni baqghet tmur ghall-aghar, ghaliex ommu kienet giet manipulata minn huhom Alfred li kien l-unika wild li baqa' ma zzewwigx u ghalhekk baqa' ighix maghha. Zied ighid, li wara l-mewt ta' missieru ommu kellha

---

[1] Seduta tal-14 ta' Frar 2017.

s-sehem ta' nofs indiviz tal-proprjetajiet u kellha l-uzufrutt fuq in-nofs indiviz l-iehor, izda peress li hi ma kinitx awtorizzata tbiddel it-testment *unica charta* minn missierhom, mas-sehem ta' missierhom ghandu jizdied il-kumpens ghall-uzufrutt li kien inghata lil ommu.

**In kontro-ezami** xehed (fol 577-579)[2] li huwa minnu li Alfred kien idur b'ommu izda ommu kienet tinzamm f'kamra wahda bil-klieb jigru fil-kamra.

**Emmanuela Cuschieri** xehdet permezz ta' affidavit (fol 70) u qalet li hi l-unika tifla fost is-seba' ahwa l-ohra subien, ulied George u Giuditta Falzon. Semmiet li l-genituri taghha kienu ghamlu testment datat 10 ta' Jannar 1984, fejn hallew lil ulied kollha eredi *unica charta* universali u kif ukoll xi prelegati. Ziedet tghid li wara l-mewt ta' missierha, hi kienet tiehu hsieb l-affarijiet ta' ommha u ddur biha u tehodha l-Bank, u kienet taghtha l-kaxxa tad-deheb biex izzommha hi. Semmiet li fil-kaxxa tad-deheb, kien hemm 4 crieket, hames pari msielet, erba' brazzuletti, gizirana twila u arlogg antik. Qalet li ghall-habta tal-2005, ommha kienet qaltilha biex tirritorna d-deheb, u kienet talbitha dan ghax kienet talabha huha Alfred. Qalet li tiftakar li ommha kienet izzomm fuqha *choker* tad-deheb u brazuletta parigg, ic-curkett tat-tieg u c-curkett tal-*engage* bi tliet fosos. Qalet li hutha kollha zzewgu minbarra huha Alfred u biz-zmien il-kontroll ta' huha Alfred beda jizdied, u fil-fatt f'dak iz-zmien tal-2005 li ommha tat il-prokura lil Alfred, bdiet tiskartaha. Qalet li ommha kienet tkun dejjem id-dar izda la hi u lanqas hutha ma setghu imorru jarawha minghajr ma jsaqsu u jaghmlu appuntament ma' huhom Alfred.

[2] Seduta tal-4 ta' Ottubru 2016.

Semmiet li l-genituri taghha kellhom sbatax-il garaxx, *showroom* fi Triq Dun Filippu Borg li kienet fiz-zmien tinkera b'Lm55 fis-sena u forn St. George's Bakery bit-terran mieghu, fi Triq Cuschieri B'Kara, id-dar fi Fleur de Lys, u d-dar taghhom fi Psaila Street, Summerset House, liema dar tinkludi wkoll il-front garden li qieghed f'G. Dimech Debono Street, u kellhom ukoll *plot* fis-Salini. Illi meta kienu ghamlu t-testment *unica charta*, l-genituri taghha ma kienux taw l-awtoizzazzjoni lil xulxin sabiex ibiddlu t-testment, ghalhekk qed isostnu fuq parir tal-avukat taghhom, li d-dritt tal-uzufrutt li kien taha missierhom fuq it-testment ghandu jizdied mal-beni ta' missierhom.  Qalet li hi rrinunzjat ghall-wirt ta' ommha ghax ma setghetx taccetta l-ahhar testmenti taghha bhala veritjeri, izda zzomm ferm id-dritt taghha ghall-porzjon riservat mill-wirt ta' ommha.

**In kontro-ezami** (fol 569-572)[3] qalet li hi kienet hadet hsieb ommha ghal xahar, tlieta u ghoxrin sena ilu. Qalet li qabel mietet ommha kienet tmur darba fil-gimgha u mbaghad kienet tmur ghand ommha darba fil-hmistax. Qalet li ommha ma baqghetx tigi bzonnha biex tghinha fl-affarijiet, ghax huha Alfred kien ha kollox f'idejh. Qalet li wara li fethu t-testment ta' ommhom indunaw bil-kontroll ta' huhom Alfred fuq ommha. Qalet li qabel tmur taraha kienet iccempel lil huha Alfred ghax ma tantx kienet tisma' u ma kellhiex cwievet tad-dar ta' ommha ghalhekk ma setghetx tmur ghal gharrieda u kien ikollha tavza lil Alfred jew kienet tmur meta jkun hemm il-hassiela darba fil-gimgha biex tifthilha hi.

[3] Seduta tat-30 ta' Gunju 2016.

**Saviour Falzon** xehed permezz ta' affidavit (fol 73-74) qal li hu wiehed mit-tmien ulied ta' George u Giuditta Falzon, li kienu ghamlu testment *unica charta* datat 10 ta' Jannar 1984, fejn l-ahwa kienu gew appuntati eredi universali, kif ukoll prelegati. Qal li dan kien it-testment li jirregola l-wirt ta' missieru, fejn ommu thalliet bhala uzufruttwarja. Spjega li l-inkwiet beda mill-2005 'l hawn, meta ommu tat il-prokura lil huhom Alfred, ommu kienet waqqfet lil ohtu mill-qadi u l-ghajnuna u beda jiehu hsieb kollox Alfred. Spjega wkoll, li kull darba li kien imur jara lil ommu, Alfred ma kienx jitlaq minuta minn hdejhom u kien jinnota li ommu ma kinitx tkun bhas-soltu, qisha tibza titkellem. Jaf li l-genituri tieghu kellhom diversi proprjetajiet. Qal li ommhom kellha nofs indiviz, u kif ukoll l-uzufrutt fuq in-nofs indiviz l-iehor, ta' missierhom. Sostna li peress li ommu ma kinitx inghatat l-awtorizzazzjoni biex tbiddel it-testment, mas-sehem ta' missieru ghandu jizdied il-kumpens ghall-uzufrutt li kien inghata lil ommu. Qal ukoll, li ghalih hu impossibbli, li fit-tliet snin li huhom Alfred kellu l-prokura intefqu €40,000 mill-kontijiet tal-Bank taghha.

**In kontro-ezami** qal (572-574)[4] li l-prokura kienet saret lil Alfred fuq qbil maghhom, pero` li gara li l-prokura ma saritx biss biex Alfred jidher fuq il-kuntratti kif kien maqbul, izda fuq affarijiet ohra wkoll. Qal li hu kellu hanut vicin ommu u kien jaraha kuljum, meta kienet ghadha indipendenti. Qal li hu u Alfred kellhom relazzjoni tajba hafna sal-mewt ta' ommu. Ikkonferma li fil-perjodu meta kibret u mardet ommu, kien Alfred li jiehu hsiebha ghax ommu ma riedet lil hadd. Qal li huma ppruvaw jitfghu lil ommu f'*home* izda hi ma riditx.

[4] Seduta tat-30 ta' Gunju 2016.

Dwar it-testmenti ta' ommu qal li hu u hutu ma accettawhomx.

**Emanuel Falzon** xehed permezz ta' affidavit (fol 75-76) qal li hu wiehed mit-tmien ulied ta' George u Giuditta Falzon, li kienu ghamlu testment *unica charta* datat 10 ta' Jannar 1984. Qal li l-problemi bdew meta huhom Alfred beda jiehu hsiebha hu, u minn meta fl-2005 ommu tat il-prokura lil Alfred. Qal li meta sussegwentement ghall-mewt ta' ommu ra l-kontijiet, ra kemm kien gibed flus huh Alfred u kif kienet tghix ommu impossibli, li hi dawn il-flus intefqu minnha. Spjega li fuq parir tal-avukat taghhom, peress li ommu biddlet it-testment minghajr ma kienet awtorizzata, imisshom jigu kkumpensati ghall-uzufrutt li hija kienet inghatat. Zied ighid li ommu kellha introjtu mill-proprjetajiet, *stante* li tnax-il garaxx mis-sbatax-il garaxx kienu mikrija lil terzi, ix-*showroom* u l-forn ukoll kienu mikrija.

**In kontro-ezami** qal (fol 582-584)[5] li ommu kienet tghix fis-sular ta' fuq f'kamra wahda, hu kien imur jaraha spiss izda hu ma kellux cavetta u ommu kienet tghidlu biex icempell lil Alfred meta jkun sejjer u xi drabi l-Hadd kien ikun ghaddej minn hemm, jipprova jghaddi u ma jiftahlu hadd. Spjega li meta ommu dahlet l-isptar it-tieni darba, kien kellimhom il-*manager* u qalilhom li ommhom ma setghetx tibqa' hemm, u hu kien tkellem biex jipprovaw idahluha f'*home* biex tkun komda izda ommu ma riditx tmur f'*home* peress li kienet qalet li gholi, izda hu qal li kellha flus bizzejjed.

**Grezzju Falzon** xehed (fol 77-79) u qal, li hu wiehed mit-tmien ahwa ta' George u Giuditta Falzon. Qal li hu kien

[5] Seduta tal-14 ta' Frar 2017.

jahdem ma' missieru fin-negozju tal-bini. Hu elenka lista shiha tal-proprjetajiet, li wara l-mewt ta' ommu, kienu nofs indiviz ta' ommhom u tal-ahwa, u /li jew thallew bi prelegat, u hu stmahom dawn il-proprjatajiet ghal €1,200,000 mill-esperjenza tieghu fil-kostruzzjoni. Semma wkoll li wara l-mewt ta' missieru fl-1 ta' Settembru 1985, ommu, li kienet sid indiviz ta' dawn il-proprjetajiet, u uzufruttwarja tan-nofs l-iehor, kienet iddahhal diversi kirjiet. Qal li s-sitwazzjoni bdiet tmur ghall-aghar meta ommu tat il-prokura lil huhom Alfred, liema prokura bdiet tintuza biex Alfred jiehu u jkaxkar il-flus peress li fi tliet snin hu ha €40,000, u sahansitra ingibdu €1,000 gurnata wara l-mewt taghha. Qal li hu rrinunzja ghall-eredita` ta' ommu salv ghall-porzjon riservat, *stante* li ma jistax jaccetta t-testmenti li ghamlet ommu.

**In kontro-ezami** (fol 585)[6] qal, li ommu ma setghetx tinzel tarag u dejjem kienet toqghod fuq, qal ukoll li ma tantx kienu jiftehmu ghax ommu ma tantx kienet tisma'. Semma li ommu kienet tghidlu li bezghana minn Alfred izda qatt ma ghamlet rapport.

**Emanuel Peresso** xehed (fol 525-527)[7] u qal li hu jikri tliet garaxxijiet bl-isem "Sunrise" fi Triq G. Dimech Debono, u n-numru 1 u n-numru 11. Spjega li ghandhom skrittura ta' lokazzjoni rigward il-garaxx "Sunrise" izda rigward it-tnejn l-ohra, kien hemm ftehim verbali ma' Judith Falzon fl-4 ta' Novembru 2004. Esebixxa Dok EP 1 u qal li l-kirja kienet nizlet minn Lm4,000 ghal Lm3,000, u kien ftiehem dwar dan ma' Alfred Falzon. Qal li l-garaxx numru 1 u 11 ilhom mikrija minn Jannar 2006 u Jannar 2011 rispettivament. L-ahhar pagament li sar ghal garaxx 1 u 11, kien bejn l-1 ta' Jannar

6 Seduta tal-14 ta' Frar 2017.
7 Seduta tal-25 ta' Novembru 2014.

2013 u l-31 ta' Dicembru 2013, u l-pagamenti sussegwenti baqghu pendenti u hu ddepozita l-kera l-Qorti.

**Joseph Caruana**, in rapprezentanza tal-BOV, (fol 527, 530-531; fol 539-541, fol 543)[8] xehed li f'isem Judith Falzon kien hemm zewg kontijiet li huma ma' tliet terzi, wiehed infetah fl-1999 u l-iehor fl-2000. Hu pprezenta l-istatement relattivi Dok BOV1 u Dok BOV2. Spjega li l-bilanc minn Dok BOV2 kien trasferit fil-kont Dok BOV1. Semma li mill-2002 'l hawn ma kienx hemm aktar kontijiet fuq Judith Falzon.

Hu esebixxa ulterjorment Dok BOV3, Dok BOV4, Dok BOV5, Dok BOV6, Dok BOV7, Dok BOV8, kontijiet f'isem Alfred Falzon. Qal li hemm zewg kontijiet ohra f'isem Alfred Falzon Dok BOV9, DOK BOV10. Qal ukoll, li ma sarux trasferimenti minn Giuditta Falzon favur Alfred Falzon. Ipprezenta zewg *statements* ta' kontijiet ohra f'isem Giuditta Falzon Dok BOV11 u Dok BOV12.

Ipprezenta Dok BOV13, id-dettalji tal-'withdrawals' kollha li saru mill-kontijiet ta' Giuditta Falzon. Ipprezenta wkoll Dok BOV 14, 'withdrawal' minn kont ta' Giuditta Falzon fit-28 ta' Mejju 2012.

**Joe Vella** xehed (fol 528)[9] u qal li hu jikri x-*showroom* bl-isem "St. Anthony", Triq Dun Filippu Borg, B'Kara minghand Judith Falzon b'€120 kull xahar b'kirja antika ta' qabel l-1995, u minkejja l-emmendi tal-2009, ma gholietx il-kera. Qal li hu hallas sa Frar 2014 u waqaf minhabba dan il-kaz.

[8] Seduta tal-25 ta' Novembru 2014; Seduta tal-20 ta' Jannar 2015; Seduta tat-23 ta' April 2015, Seduta tal-20 ta' Mejju 2015.
[9] Seduta tal-25 ta' Novembru 2014.

**Carmen Sammut** xehdet (fol 528-529)[10] u qalet li hi tikri l-post 101, Fleur de Lys Road, B'Kara minghand in-nanna Judith Falzon, ilha tikri l-fond mill-2000 b'kera ta' €350 fis-sena. Qalet li hi kienet thallas lin-nanna izda dan l-ahhar tat il-kera lil Alfred Falzon. Spjegat li hi kienet ittih cekk fuq in-nanna, kien ighidilha li ma kienx jissarraf ghalhekk kienet ittih *cash*. Spjegat li wara l-mewt ta' nannitha hi kienet thallas nofs l-ammont ta' kera peress li nofs l-iehor jappartjeni lil ommha mill-wirt ta' nannuha. Qalet ukoll, li tikri wkoll il-garaxx numru 12 fi Triq G. Dimech Debono B'Kara b'kera ta' €350 fis-sena.

**Audrey Ghigo** in rapprezentanza tal-Bank HSBC Bank Malta plc xehdet (fol 531-532, fol 535-536)[11] u kkonfermat li fl-10 ta' Novembru 2014 u sa dak iz-zmien kien hemm kont Savings numru 114138045 li nfetah fil-11 ta' Jannar 2000 u nghalaq fit-28 ta' Lulju 2000 immarkat u esebit Dok HSBC1. Esebiet ukoll Dok HSBC2, Maltese Assets Fund li nfetah fid-19 ta' Frar 2000 u nghalaq fil-25 ta' Mejju 2000. Illi giet mitluba tesebixxi l-*closing vouchers* ta' dawn iz-zewg kontijiet u qalet li l-'vouchers' gew 'destroyed'.

Dwar Alfred Falzon, hi ghamlet ir-ricerka, u esebiet il-kontijiet li sabet f'ismu u esebiethom bhala Dok HSBC3, Dok HSBC4, Dok HSBC5 u Dok HSBC6.

**Arabella Micallef** xehdet (fol 537)[12] in rapprezentanza tal-Malta Stock Exchange u qalet li ma sabet l-ebda assi fuq Giuditta Falzon jew Alfred Falzon.

---

[10] Seduta tal-25 ta' Novembru 2014.
[11] Seduta tal-20 ta' Jannar 2015; Seduta tat-18 ta' Marzu 2015.
[12] Seduta tat-23 ta' April 2015.

**Jeanette Lepre** in rapprezentanza tal-Lombard Bank, xehdet (fol 537)[13], u kkonfermat li mir-ricerka li saret ma nstab xejn fuq Giuditta Falzon jew Alfred Falzon.

**Rebecca Micallef** xehdet in rapprezentanza tal-APS Bank (fol 538)[14] u qalet li ma nstab l-ebda kont f'isem Giuditta Falzon jew Alfred Falzon.

**Joseph Fenech** in rapprezentanza tal-Banif Bank xehed (fol 538)[15] u qal li minn ricerka li saret ma nstab l-ebda kont f'isem Giuditta Falzon jew Alfred Falzon.

**Alfred Falzon** in subizzjoni xehed (fol 541-542, fol 543-549, 553-555)[16] qal li gibed diversi flejjes mill-kont ta' ommu. Kien ghamel panelli tax-xemx fuq il-bejt tad-dar li swew €10,000, kien xtara *fridge*, *washing machine*, saqqu, zewg TV's u bajjad hames garaxxijiet. Qal li ommu kienet tiehu pensjoni ta' €300 fix-xahar tar-romol.

Hu pprezenta kopja tal-prokura ta' ommu bhala Dok AF1. Ipprezenta Dok AF2, il-kuntratt li bih qed jinkera l-garaxx numru 15 lil Emanuel Peresso. Ipprezenta Dok AF3, prospett li jindika l-ispejjez meta hu ha hsieb ommu. Mistoqsi fejn marru l-*withdrawals* f' Dok BOV 13 li saru wara l-2010 u Frar 2011, qal, li dawn marru fil-kont Savings ta' ommu, li kienu saru ghand Bajada New Energy u thallsu *cash*. Spjega wkoll li ried ihallas ammonti ta' cnus u l-funeral. Semma li l-garaxxijiet jinkrew bejn Lm200 u Lm250. Qal li l-forn kien jinkera lil Silvio Falzon b'Lm9 kuljum, ix-

---

[13] Seduta tat-23 ta' April 2015.
[14] Seduta tat-23 ta' April 2015.
[15] Seduta tat-23 ta' April 2015.
[16] Seduta tat-23 ta' April 2015; Seduta tal-20 ta' Mejju 2015; Seduta tat-30 ta' Novembru 2015.

*showroom* f'idejn A. Vella u ma jafx ezatt kemm ihallas, il-fond 101, Fleur De Lys B'Kara kien jinkera ghand Manuela Cuschieri, it-terran, jinfed mal-forn, Charlie Mifsud kellu garaxx numru tlieta, u pprezenta kopja tar-Registru tal-kirjiet immarkat Dok AF4. Qal li meta kellu 39 sena kellu *injury*, u waqaf mix-xoghol, b'hekk ghamel sbatax-il sena jghix ma' ommu u jiehu hsiebha. Minbarra hekk, hu qal li kien hemm ohtu Emanuela tiehu hsiebha wkoll u Saviour Falzon kienu jiehu hsieb ic-cnus. Qal li huma kienu jiehdu hsieb ghall-ewwel erba' hames snin minn dawn is-sbatax-il sena. Qal li ommha kellha d-diabete u l-*parkinson's disease* u qal li hu kien ibidlilha u jahsilha erba' darbiet kuljum minhabba problemi ta' inkontinenza, u kien imur l-ispizerija tal-isptar u tal-lokal ghall-medicini. Qal li ommu kienet tiffirma salib u kienet qaltlu biex jaghmel il-prokura, u hekk kien sar.

**Gaetano Falzon** xehed (fol 550-551)[17] u qal li marru jiccekjaw il-garaxxijiet kollha xi xahar u nofs ilu, u ha ritratti. Spjega li wara l-mewt ta' missieru fl-1985, dawn il-garaxxijiet waqghu f'idejn ommu li kienet uzufruttwarja, u semma li l-garaxxijiet ghandhom hsara fis-soqfa, li giet imraqqa bil-kisi meta din il-hsara ma titraqqax bil-kisi.

**In kontro-ezami** qal, (fol 574-576)[18] dwar il-valuri fl-affidavit tieghu a fol 64, stabbilihom ma hutu Carmel u Grazio. Qal li hu u hutu kienu qablu li huhom Alfred ikollu l-prokura izda mhux prokura generali. Spjega li huh Alfred ried jaqtalhom il-kuntatt ma' ommhom, u kkonferma li hu ma harigx spejjez ghall-funeral.

[17] Seduta tal-24 ta' Gunju 2015.
[18] Seduta tal-24 ta' Gunju 2015.

**Maria Cutajar** xehdet (fol 556-558)[19] qalet li hi toqghod zewg bibien il-boghod minn Alfred Falzon u ilha toqghod hemm tmienja u ghoxrin sena. Qalet li Alfred kellu relazzjoni tajba ma' ommu u dejjem kienet tghid allahares ma jkunx hu. Qalet li ta' sebghin sena, ommu ma baqghetx tohrog mid-dar u kellha l-*parkisnon's disease*, u hi kienet ta' sikwit tmur taraha. Semmiet li Alfred kien ikollu jbiddlilha u jahsilha spiss minhabba problema ta' inkontinenza. Qalet li meta kienet tmur ma kintix tara lil xi hadd iehor hemm.

**In kontro-ezami**, qalet li hi taf lil bint Giuditta, Emanuela Cuschieri, gieli ratha hemm ghand ommha meta kienet tmur fl-ghaxijiet. Qalet li kienet tisma' lil Giuditta tghid li ma tghaddix bil-kirjet tar-romol u kienet tghaddi bil-kirjiet tal-garaxxijiet.

**Graziella Portelli** xehdet (fol 558-560)[20] u qalet, li hi bint Maria Cuatajar, li kienu joqghodu vicin Alfred Falzon. Taf li Alfred kien jiehu hsieb ommu, jsajrilha u jnaddfilha, izda taf dan minghand Alfred meta kien ikun ghandhom kien ighidilhom.

**Helen Carauna** xehdet (fol 562-564)[21] u qalet li taf lil Alfred Falzon u familtu ghax kienu joqghodu hdejn xulxin. Qalet li Alfred kien idur b'ommu meta mardet u hi kienet tmur taraha darba fil-gimgha.

**In kontro-ezami** qalet, li gieli ltaqghet ma' oht Alfred meta kienet tmur taraha. Qalet li Giuditta qatt ma qaltilha xejn dwar uliedha u lanqas dwar it-testment.

[19] Seduta tat-28 ta' Jannar 2016.
[20] Seduta tat-28 ta' Jannar 2016.
[21] Seduta tal-5 ta' April 2016.

**Roderick Borg** xehed (fol 564-565)[22] u qal, li hu kien ighix ma' Giuditta u Alfred fid-dar taghhom xi tmien snin ilu, fejn kien jorqod isfel, u meta kien joqghod hemm, kien jara li Alfred kien idur biha, isajrilha u jahsilha.

**In kontro-ezami** qal li qatt ma ra lil hut Alfred izda hu kien ikun ix-xoghol. Qal li Giuditta kienet tfahhar lil Alfred mieghu u kienet issemmi wkoll lil binha Silvio, izda ma kinitx tkellmu fuq it-tfal.

**Diane Vassallo** xehdet (fol 566-567)[23] u qalet li hi kienet tmur tnaddaf darba fil-gimgha d-dar ta' Giuditta, u kien idur biha Alfred, u meta tasal kienet tarah jahsilha u jlestilha l-pilloli. Qalet li xi drabi inzertat ukoll lil bintha u lil binha Charles. Qalet li Giuditta qatt ma qaltilha xejn dwar it-testment u li Alfred beda jipprova jnaffaraha minn ma' wliedha.

## RAPPORTI PERITALI

### Rapport tal-Perit Alan Saliba

B'digriet ta' din il-Qorti tad- 9 ta' Ottubru 2014 gie nominat il-perit Alan Saliba bhala perit arkitett u r-rapport tieghu jinsab esebit a fol 465 *et sequens* tal-process.

**Hu kkonkluda** li l-beni immobbli formanti parti mill-assi ereditarji tal-genituri tal-partijiet George u Giuditta Falzon qed jigu stmati kif gej:

---

[22] Seduta tal-5 ta' April 2016.
[23] Seduta tal-5 ta' April 2016.

## Valutazzjonijiet:

| Proprjeta` | Valur 1985 € | Valur 2014 € | Valur 2017 € | Kera - € 28/10/2008-06/01/2014 |
|---|---|---|---|---|
| Garaxx<br>1, Sunshine,Triq<br>G.Dimech Debono<br>B'Kara | 13,00 | 72,00 | 74,000 | 10,986 |
| Garaxx<br>2, Triq G. Dimech<br>Debono B'Kara | 10,000 | 56,000 | 58,000 | 8,545 |
| Garaxx<br>1 *Basement Driveway*,<br>Triq G. Dimech Debono<br>B'Kara | 4,500 | 17,500 | 18,000 | 2,670 |
| Garaxx<br>2, *Basement Driveway*,<br>Triq G. Dimech Debono<br>B'Kara | 4,500 | 17,500 | 18,000 | 2,670 |
| Garaxx<br>3, *Basement Driveway*,<br>Triq G. Dimech Debono<br>B'Kara | 4,500 | 20,500 | 21,500 | 3,128 |
| Garaxx<br>4, *Basement Driveway*,<br>Triq G. Dimech Debono<br>B'Kara | 5,000 | 24,500 | 25,000 | 3,738 |
| Garaxx<br>5, *Basement Driveway*,<br>Triq G. Dimech Debono<br>B'Kara | 5,000 | 24,500 | 25,000 | 3,738 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Garaxx<br>6, *Basement Driveway*,<br>Triq G.<br>Dimech Debono B'Kara | 5,000 | 21,500 | 22,000 | 3,281 |
| Garaxx<br>7, *Basement Driveway*,<br>Triq G. Dimech Debono<br>B'Kara | 5,200 | 27,500 | 28,000 | 4,196 |
| Garaxx<br>8, *Basement Driveway*,<br>Triq G.<br>Dimech Debono B'Kara | 4,800 | 24,500 | 25,000 | 3,738 |
| Garaxx<br>9, *Basement Driveway*,<br>Triq G. Dimech Debono<br>B'Kara | 6,200 | 35,000 | 36,000 | 5,341 |
| Garaxx<br>10, *Basement Driveway*,<br>Triq G.<br>Dimech Debono B'Kara | 7,000 | 40,000 | 41,000 | 6,103 |
| Garaxx<br>11, *Basement Driveway*,<br>Triq G.<br>Dimech Debono B'Kara | 6,500 | 37,000 | 38,000 | 5,646 |
| Garaxx<br>12, *Basement Driveway*,<br>Triq G.<br>Dimech Debono B'Kara | 5,800 | 33,300 | 34,000 | 5,081 |
| Garaxx<br>8, *Driveway*, Triq G.<br>Dimech Debono B'Kara | 8,200 | 47,000 | 48,000 | 7,127 |
| Garaxx | 6,800 | 24,500 | 25,000 | 3,738 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 13, *Driveway*, Triq G. Dimech Debono B'Kara | | | | |
| Garaxx 14, *Driveway*, Triq G. Dimech Debono B'Kara | 6,800 | 24,500 | 25,000 | 3,738 |
| *Driveway*, Triq G. Dimech Debono B'Kara | Komuni | Komuni | Komuni | |
| Mahzen 15, Triq G. Dimech Debono B'Kara | 32,000 | 183,000 | 187,000 | 27,923 |
| Dar Somerset House, Triq Salvu Psaila B'Kara | 65,000 | 353,000 | 360,000 | 53,863 |
| Terran 109, Triq A. Cuschieri, B'Kara | 15,000 | 84,000 | 86,000 | 12,817 |
| Forn 113, St. George's Bakery, Triq A. Cuschieri B'Kara | 18,000 | 102,000 | 104,000 | 15,564 |
| Dar 101 Euphrates, Triq Fleur De Lys, B'Kara | 34,000 | 191,000 | 195,000 | 29,144 |
| *Showroom* Sant Antnin, Triq Dun Filippo Borg B'Kara | 22,000 | 122,000 | 125,000 | 18,615 |
| Plot Plot 86, Limiti tas-Salini, Naxxar | 3,000 | 16,500 | 17,000 | 2,518 |
| **TOTAL** | **297,800** | **1,598,800** | **1,635,000** | **243,954** |

Il-Perit Saliba spjega kif wasal ghall-valur lokatizju bejn it-28 ta’ Ottubru 2008 sas-6 ta’ Jannar 2014. Huwa sostna li l-valur lokatizju tal-proprjetajiet kollha matul dan il-perjodu, qed jigi stmat bhala tlieta fil-mija (3%) fuq il-valur liberu u frank bil-valur fis-sena 2008. Ikkunsidrat 96% tal-valur fis-sena 2014. B’kollox, dan il-perjodu jkopri medda ta’ 5.19 snin. Ghalhekk, il-kera matul dan il-perjodu qed tigi kkalkulata bhala 3% x (valur 2014) x 98% (*average* bejn 96% u 100%) x 5.19.

**Rapport tal-Perit Legali Dr. Anna Mallia**

B’digriet ta’ din il-Qorti tad-9 ta’ Ottubru 2014 giet nominata l-Perit Legali Dr. Anna Mallia u r-rapport taghha jinsab esebit a fol 597 *et sequens* tal-process.

Ghal dak li jirrigwarda **l-ewwel eccezzjoni preliminari (it-tieni eccezzjoni)**, l-Perit Legali rrelatat li din l-eccezzjoni giet sorvolta *stante* r-rinunzja ta' ulied Raymond Falzon, Jean Paul u Annalise.

Din il-Qorti taqbel ma' din is-sottomissjoni kif ser jirrizulta aktar 'il quddiem.

Dwar ir-**Tielet eccezzjoni**, din il-Qorti wkoll taqbel mar-rapport tal-Perit Legali billi ser tichad l-istess ghar-ragunijiet li ser jigu kkonsidrata iktar 'il quddiem.

Dwar it-talbiet tar-rikorrenti, l-Perit Legali Dr. Anna Mallia ssottomettiet:

**L-Ewwel talba:**

**Dikjarazzjoni tal-konsistenza tal-assi u immobbli, drittijiet reali u personali konsistenti fil-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn George u Giuditta Falzon.**

Illi nghatat il-lista tal-immobli, kif maqbul bejn il-partijiet.

Il-Perit Legali hejjiet lista ta' kontijiet f'isem Giuditta Falzon wehedha, kontijiet kongunti, u kontijiet f'isem Alfred Falzon wahdu.

Gie rilevat li l-intimat a fol 365, ipprezenta rendikont tal-kirjiet li dahhal u li ghandu jdahhal.

A fol 341, l-intimat ipprezenta prospett tal-ispejjez inkorsi minnu mill-mewt ta' missieru sal-mewt ta' ommu, fl-ammont ta' €55,134 u a fol 344, rendikont tal-ispejjez tal-garaxxijiet u rampa li hadem, €9,440. A fol 364 sostna li hallas €1,155 hlas ta' cens.

**It-Tieni talba:**

**L-immissjoni fil-pussess tal-prelegati mhollija lilhom minn missierhom permezz tat-testment datat 10 ta' Jannar 1984, fejn hemm elenku ta' legati li thallew lill-partijieit f'dan il-kaz:**

Gie rilevat mill-Perit Legali, li Giuditta Falzon ma wirtet xejn minn sehem zewgha peress li hu hallielha biss l-uzufrutt, ghalhekk ma jistax jinghad li hija tilfet kull dritt ta' proprjeta` li tappartjeni lilha.

Il-Perit Legali hejjiet lista ta' prelegati mhollija mid-defunt George Falzon, u lista ta' prelegati mhollija mid-defunta Giuditta Falzon. Billi Giuditta Falzon kellha sehem ta' nofs (1/2) indiviz mill-beni mhollija bi prelegat lill-kontendenti, gie konkluz mill-abbli Perit Legali li r-rikorrenti u l-konvenut thallew fi prelegati in-nofs indiviz mill-beni imsemmija fit-testmenti *unica charta*, cioe`, mill-wirt ta' George Falzon. Ghaldaqstant il-partijiet ghandhom jimmittu lil xulxin reciprokament fil-pussess tan-nofs (1/2) indiviz tal-beni imhollija lilhom fi prelegat minn George Falzon.

Ghaldaqstant il-partijiet kollha wirtu minn George Falzon is-segwenti:

- 1/2 indiviz mill-garaxx 5 u 12, *Basement Driveway*, Triq G. Dimech Debono, B'Kara;
- 1/2 indivizi tal-fond Somerset House, Psaila Street B'Kara bil-mobbli kollha go fih;
- 1/2 indiviz mahzen 15, fi Triq D Dimech Debono B'Kara;
- 1/2 indiviz tat-terran 109, Triq A Cuschieri B'Kara;
- 1/2 indiviz ta' 113, St George's Bakery Triq A. Cuschieri, B'Kara;
- 1/2 indiviz Plot is-Salini;
- 1/2 indiviz tal-partijiet komuni mill-istess kumpless ta' garaxxijiet ghajr in-nofs indiviz tad-*drive-in* 5 u 8 fl-istess kumpless.

Ma' dawn il-Qorti zzid:

- nofs dak kollu li jinsab f'Saint George's Bakery mill-ghatba l-gewwa billi n-nofs l-iehor hu mholli bi prelegat lill-intimat.

In segwitu, gie konkjuz mill-Perit Legali, li l-intimat ghandu jigi immiss fil-pussess tan-nofs (1/2) indiviz mis-segwenti proprjetajiet: u cioe`:-

Garaxx numru 19 Triq Guze Dimech Debono Fleur De Lys B'Kara bl-isem Alfred Garage;
Id-dar *Somerset House* Triq Psaila Street B'Kara, u l-mobbli kollha fl-istess dar;
St. George's Bakery B'Kara b'dak kollu li fih;
Terran numru 109, Triq A. Cuschieri B'Kara;
Garaxx bla numru Salvatore Dun Filippu Borg Street B'Kara;
Plot is-Salini li jmiss ma' zewg toroq;
Il-Garaxx numru 12 Triq G. Debono B'Kara, kif ukoll mid-*drive-in* ghall-garaxxijiet numru 5 u 8 fl-istess triq.

Inoltre`, rigward, id-depoziti bankarji, il-kontijiet bankarji kollha esebiti infethu wara l-mewt ta' George Falzon, fl-1985, ghalhekk il-kontijiet f'isem Giuditta Falzon jappartjenu interament lilha u mhux lill-komunjoni tal-akkwisti.

Ghalhekk, gie konkjuz li l-intimat wiret minghand Giuditta Falzon in-nofs indiviz tas-segwenti:

- garaxx numru hamsa (5) Triq Dun G. Debono B'Kara;
- mahzen 15, Triq G. Dimech Debono B'Kara;
- il-partijiet komuni kollha tal-istess kumpless ta' garaxxijiet ghajr nofs indiviz tad-*drive-in* ghal garaxxijiet 5 u 8 fl-istess kumpless, *stante*, li n-nofs indiviz tad-*drive-in* ghall-garaxxijiet 5 u 8 fl-istess kumpless, gew ghandu permezz ta' legat imholli lilu minn ommu.

Ma' dawn il-Qorti zzid:

- is-sehem ta' nofs indiviz spettanti lil Giuditta Falzon mill-assi tal-komunjoni tal-akkwisti fuq elenkati.
- il-kontijiet bankarji f'isem Giuditta Falzon.

**It-tielet talba:**

Fit-tielet talba qed jintalab, li sehem il-mejjet George Falzon ghandu jinqasam fi tmien porzjonijiet ugwali inkluz il-valur tal-uzufrutt kollu li d-defunta Giuditta Falzon gawdiet minn fuq l-eredita` tal-mejjet zewgha ossija mill-1 ta' Settembru 1985 sas-6 ta' Jannar 2014 ladarba hi bidlet it-testment 'unica charta' meta ma kellhiex il-fakolta` *di variare*.

Dwar it-telfien ta' dritt ta' uzufrutt minn Giuditta Falzon, gie konkjuz, li mhuwiex ikkontestat li ma kienx inghata id-dritt li jvarjaw it-testment fit-testment *unica charta*. Illi gie rilevat, li l-gurisprudenza hi kostanti fis-sens, li rriteniet, li l-uzufruttwarja mhijiex eredi u hija biss semplici legatarja.

Gew citati l-artikolu 593 u 594 tal-Kodici Civli, u *stante* li l-artikolu 593 tal-Kap 16 jghid car, li t-testatur li jibqa' haj u jhassar it-testment, kwantu ghall-assi tieghu, jitlef il-jedd ta' uzufrutt fuq l-assi ta' dak it-testatur li miet l-ewwel. Peress li Giuditta Falzon, *tramite* t-testmenti sussegwenti li ghamlet wara l-mewt ta' zewgha, rrendiet fix-xejn din id-disposizzjoni ghal dak li jirrigwarda l-assi taghha, il-Perit Legali kkonkludiet li tilfet id-dritt tal-uzufrutt fuq il-massa ereditarja ta' George Falzon u ghaldaqstant irid jizdied il-valur tal-uzufrutt kollu li l-mejta Giuditta Falzon gawdiet minn fuq is-sehem indiviz tal-mejjet zewgha.

Dwar il-kwantifikazzjoni ta' dan l-uzufrutt u minn meta jiskatta, l-Perit Legali hejjiet elenku u lista tal-oggetti u immobbli konsistenti fl-uzufrutt, u kkonkludiet, li Giuditta Falzon tilfet dan id-dritt ta' uzufrutt mit-22 ta' Ottubru 2008, id-data tal-ewwel testment taghha (fol 18).

**Il-hames, is-sitt u s-seba' talbiet:**

Illi dwar is-sehem riservat u jedd ta' imghaxijiet pretizi mir-rikorrenti, inghad li s-sehem riservat tar-rikorrenti skont l-artikolu 616 tal-Kap 16, huwa kkalkolat fuq nofs il-valur tal-proprjeta` tal-mejta ommhom diviza bi tmienja, *stante* li l-genituri konjugi Falzon kellhom tmint itfal, ghalhekk il-legittima hija ta' (1/2 diviz b' 8) cioe` 1/16 kull wiehed u wahda mir-rikorrenti. Wara elenku tal-proprjetajiet immobbli u kontijiet, gie stmat li s-sehem riservat jammonta ghal 1/6 li huwa €628.62 mill-kontijiet kongunti, kull parti ghandha €64,835.20.

Illi dwar l-imghaxijiet pretizi fuq il-porzjon riservat gie konkjuz li l-artikolu 615(2) tal-Kodci Civili jista' jigi applikat ghall-kaz tal-lum, u wara li l-Perit Legali qieset il-fatti u c-cirkostanzi, li fuq l-ammont tas-sehem riservat li ghadha kif illikwidat ghandu jiddekorri imghax ta' erbgha fil-mija (4%) b'effett mill-21 ta' Marzu 2014 sad-data tal-hlas effettiv.

**It-tmien talba:**

Il-Perit Legali sostniet li jkun ekwu li ma ssir l-ebda licitazzjoni sakemm huwa possibli sabiex il-legati assenjati ma jkunux fragmentati.

Gie rilevat li <u>l-partijiet wirtu s-sewgenti minghand il-missier:</u>

Nofs indiviz ta' garaxx 5 Triq G. Debono Dimech Birkirkara (€37,000)
Nofs indiviz ta' garaxx 12 Triq G. Debono Dimech Birkirkara (€17,000)
Nofs indiviz tal-mahzen 15 Triq G. Debono Dimech Birkirkara (€93,500)
Nofs indiviz tal-partijiet komuni kollha tal-kumpless tal-garaxxijiet ghajr nofs indiviz tad-*drive-in* ghall-garaxxijiet 5, u 8 fl-istess kumpless (ma gewx stmati bi qbil bejn il-partijiet biex jibqghu komuni).
Nofs indiviz ta' Somerset House Psaila Street Birkirkara (€180,000)
Nofs indiviz ta' St. George's Bakery, 113 Triq Cuschieri Birkirkara (€52,000)
Nofs indiviz ta' terran bi tlett ikmamar tas-sodda li jinsab 109, Triq A. Cuschieri Birkirkara (€43,000)
Nofs indiviz ta' plot 86, limiti Salini, Naxxar Valur fil-prezent (€17,000)

L-intimat, mill-omm wiret:

Nofs indiviz tal-partijiet komuni tal-kumpless ta' garaxxijiet ghajr id-*drive-in* ghall-garaxxijiet numru 5 u 8 fl-istess triq li gew imhollija lilu bhala legat. (Ma saritx stima bi qbil mal-partijiet).
Nofs indiviz tal-garaxx numru 5 *Basement Driveway* Triq G. Dimech Debono Birkirkara
Nofs indiviz tal-mahzen li jinsab 15 Triq G. Dimech Debono Birkirkara.

Il-Qorti issa ser tittratta t-talbiet u l-eccezzjonijiet sollevati:

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI DWAR IT-TALBIET U L-ECCEZZJONIJIET</u>**

**It-tieni eccezzjoni preliminari tal-intimat:**

Gie eccepit li l-gudizzju mhuwiex wiehed integru *stante* li kellhom jigu ingunti wkoll Annalise u Jean Paul Falzon, li jigu wlied ir-rikorrenti, peress li skont wiehed mit-testmenti tad-defunta Giuditta Falzon, Dok EF7 huma gew nominati eredi, minflok missierhom Raymond Falzon.

Jirrizulta li Giuditta Falzon ghamlet tliet testmenti, l-ewwel testment datat 22 ta' Ottubru 2008 fl-atti tan-Nutar William Azzopardi (fol 18 *et sequens*), hija bidlet it-tielet u t-tmien artikoli tat-testment *unica charta* datat 1984, billi t-tmien artikolu tbiddel, fejn hemm imsemmi binha Raymond Falzon, minflok halliet bhala werrieta tieghu lil uliedu Annalise u Jean Paul Falzon.

Madankollu, Annalise u Jean Paul Falzon, irrinunzjaw ghall-wirt ta' nannithom Giuditta Falzon, kif jidher a fol 52 tal-process.

**Ghalhekk, tichad it-tieni eccezzjoni preliminari tal-intimat**.

**It-tielet eccezzjoni tal-intimat: preskrizzjoni *ai termini* tal-artikolu 495 tal-Kodici Civili**

Illi gie eccepit mill-intimat fit-tielet eccezzjoni li t-talbiet tar-rikorrenti huma preskritti a tenur tal-**artikolu 495 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi kull komproprjetarju ghandu l-proprjeta` shiha tas-sehem tieghu u tal-qliegh jew frottijiet ta' dak is-sehem (**artikolu 495 tal-Kap 16**).

**L-Artikolu 495(3)** kif redatt fiz-zmien applikabbli ghat-talbiet odjerni[24] jiddisponi:

*"Meta l-werrieta f'xi wirt jibqghu izommu in komun bejniethom, proprjeta` li tkun gejja mis-successjoni ghal izjed minn ghaxar snin u ma tkun ittiehdet ebda azzjoni quddiem xi qorti jew tribunal iehor ghall-qsim tal-proprjeta` fi zmien ghaxar snin mill-ftuh tas-successjoni u l-ishma tal-werrieta fl-imsemmi wirt ikunu l-istess fuq l-assi kollha tal-wirt, kull wiehed mill-komproprjetarji ghandu jitqies li jkun komproprjetarju ta' kull haga f'dik il-proprjeta` hekk mizmuma in komun.*

*Izda, dan is-subartikolu ma ghandux japplika:*

[24] L-artikolu 495 u 495A gew emmendati sussegwentement bl-Att XIV tal-2016 li permezz tal-istess it-terminu ta' ghaxar snin gie ridott ghal tliet snin.

*(a) meta l-proprjeta` mizmuma in komun tkun soggetta ghal xi dritt ta' abitazzjoni, uzu jew uzufrutt, ghal dak iz-zmien li fih ikun fis-sehh dak id-dritt.*
*(b) meta l-proprjeta` mizmuma in komun tkun tikkonsisiti fi proprjeta` li mill-istess natura taghha tkun trid bilfors tinzamm indiviza jew*
*(c) meta l-persuni li jkunu qed izommu in komun il-proprjeta` li tkun gejja mis-successjoni jiftehmu l-kontra:*

*Izda wkoll il-perjodu ta' ghaxar snin imsemmi f'dan is-subartikolu ghandu jiddekorri flimkien mal-perjodu ta' ghaxar snin imsemmi fl-artikolu 495A(1), u jitqies bhala haga wahda mieghu."*

Illi l-**Art. 495A** dahal fil-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta in forza tal-Att XVIII tal-2004. Id-dispozizzjoni taghti l-fakolta` lill-Qorti li tawtorizza bejgh ta' proprjeta` in komuni meta l-bejgh jinzamm minn xi komproprjetarji kapriccozament.

**L-Art. 495A (1) jghid:**

*"Salv meta jkun hemm kondominju jew stat ta' indivizjoni forzata, meta xi haga tkun inzammet in komun ghal izjed minn ghaxar snin, u hadd mis-sidien ma jkun beda azzjoni quddiem xi qorti jew tribunal iehor ghal qsim ta' proprjeta` li tkun qed tinzamm in komun, u l-komproprjetarji jonqsu milli jiftehmu dwar il-bejgh ta' xi proprjeta` partikolari ta' bejniethom, il-qorti ghandha, jekk tkun sodisfatta li hadd mill-komproprjetarji dissidenti ma jkun gravament pregudikat b'dak li tordna, tawtorizza l-bejgh skont ma jkun jixtieq l-*

*akbar ghadd ta' komproprjetarji fil-qies tal-valur tal-ishma li kull komproprjetarju jkollu."*

Il-hsieb tal-ligi hu li tinghata procedura relattivament semplici u ta' malajr biex jintemm stat ta' komunjoni ta' proprjeta` li l-ligi ma tiffavorihx.

Iz-zmien ta' ghaxar snin li ssemmi d-dispozizzjoni tal-ligi jibda jghaddi minn meta l-istat tal-komunjoni li kien soggett ghal uzufrutt, spiccalu l-uzufrutt. Illi fil-kaz in ezami, l-uzufrutt spicca mal-mewt ta' Giuditta Falzon li mietet fis-6 ta' Jannar 2014. Ghalhekk l-argument, sottomess fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimat, li qed jinqaleb il-qsim tal-wirt ta' persuna li miet fil-1985, u cioe` George Falzon, ma jregix ghax mhuwiex konformi mal-kliem tad-dispozizzjoni tal-ligi.

Ma hemmx kontestazzjoni li l-wirt ta' George Falzon kien soggett ghall-uzufrutt, li spicca fl-2014, filwaqt li l-kaz odjern gie istitwit fl-2014, ghalhekk, certament ma ddekorrewx l-ghaxar snin preskritti bl-artikolu 495 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta kif applikabbli ghall-kaz in ezami.

**Ghaldaqstant, tichad it-tielet eccezzjoni tal-intimat.**

**<u>Ir-raba' eccezzjoni tal-intimat:</u>**

L-intimat, tramite, ir-raba` eccezzjoni tieghu, sostna, li t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda ghal dak li ghamlet id-decujus Giuditta Falzon favur Alfred Falzon, *stante* li hi ddisponiet biss legati remuneratorji peress li rrenda servigi fil-konfront taghha. Dan gie eccepit peress li

fil-gurisprudenza hu pacifiku, li t-thollija ta' legat remuneratorju ma jwassalx sabiex it-testatur li jibqa' haj, jiddekadi mill-vantaggi li jikseb, ghaliex legat simili jikkonsisti fi hlas ta' dejn ghas-servigi rezi.

Difatti, fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimat, saret referenza ghall-gurisprudenza, fosthom **Deidun et vs Poggi et,** P.A. 6 ta' Ottubru 1954, u **Ivy Angus vs Joseph Calleja noe**, P.A. 15 ta' Frar 1958. Jigi osservat, li s-sentenzi citati fis-sottomissjonijiet tal-intimat jitrattaw principalment il-kwistjoni tas-servigi, u jekk hemmx lok ghall-kumpens skont jekk min wettaq is-servigi kellux l-intenzjoni li jithallas ghalihom.

Huwa pacifiku li t-testaturi ma tawx lil xulxin il-fakolta' li jvarjaw it-testment *unica charta* taghhom. Jirrizulta wkoll li Giuditta Falzon fit-tieni testment taghha, datat 28 ta' Marzu 2009, filwaqt li kkonfermat it-testmenti *unica charta* precedenti, halliet bhala addizjoni, prelegat ta' diversi beni lil binha Alfred Falzon bhala kumpens ghas-servigi. B'testment iehor tat-18 ta' Settembru 2009, regghet zdiedet beni immobbli ohra, kif ukoll il-mobbli kollha li jinsabu fid-dar residenzjali, u d-depoziti bankarji taghha, u dan b'titolu ta' prelegat mhollija lill-intimat.

F'dan il-kuntest, huwa relevanti li tigi spjegata in-natura tat-testment *unica charta*.

Jinghad fl-ewwel lok, li testment *unica charta* jista' jsir biss bejn il-mizzewgin kif dispost fl-artikolu 592 tal-Kap 16. Fit-tieni lok, meta l-konjugi jkunu taw lil xulxin id-dritt li jvarjaw

it-testment, minghajr ma jiddekadu mill-beneficcju tat-testment, m'hemmx lok, li s-superstiti jitlef kull jedd fuq l-assi tat-testatur, li jmut qabel, jekk min jibqa' haj minnhom ivarja t-testment.

Fil-kaz **Maria Bianchi vs Maggur James A. Galizia**, deciza mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' April 1937 – Vol. XXIX.i.991) inghad:

*"In-natura tat-testment unica charta hija specjali hafna, ghaliex oltre n-natura ta' testment ghandu mhallta mieghu n-natura ta' kuntratt."*

Illi kif dispost mill-artikolu **592(2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** kemm-il darba dan it-testment (*unica charta)* jiġi mħassar minn wieħed mit-testaturi kwantu għall-assi tiegħu, jibqa' sħiħ kwantu għall-assi tal-ieħor. Il-legislatur impona sanzjonijiet fuq min mit-testaturi jhassar testment *unica charta,* (art. **593 u 594 tal-Kodici Civili).**

Dan kollu johrog min-natura specjali tat-testment *unica charta* li kif tajjeb jghallem l-awtorevoli Professur Caruana Galizia (ara **Noti tal-Professur Caruana Galizia**, Universita` ta' Malta p. 961) *"Where such a will is made, what is bequeathed by one of the spouses to the other is considered to be the consideration for what is bequeathed to him or her by the other, and therefore, the revocation of the will by one of them ought to bring about automatically the revocation of the dispositions made by the other in favour of the former."*

Ikkonsidrat li fil-gudizzju *familae erciscundae* jidhlu l-kwistjonijiet kollha li jkollhom x'jaqsmu mal-wirt; *"u dana sal-punt li m'humiex permessi procedimenti separati, lanqas preambuli jew preparatorji, fuq sustanzi komponenti l-istess wirt."* **(Vincenzo Attard v Michelina Agius et. App.Civ -** 31 ta' Ottubru 1952).

F'dik l-istess sentenza gie ribadit li "*Il-Qrati taghna rritenew li l-kontestatur f'testment 'unica charta' jista' jaghmel legat rimuneratorju b'testment partikolari tieghu minghajr ma jiddekadi mill-beneficji lilu derivanti mit-testment. .. Ma hemm xejn kontra l-ligi biex dana l-ezami jsir fl-istess kawza li jkollha bhala oggett il-likwidazzjoni tal-wirt; anzi ma hux xieraq li l-provi biex jigi stabbilit jekk il-kumpens imholli bil-legat rimuneratorju kienx dovut, u jekk il-kumpens imholli huwiex proporzjonat ghas-servigi, isiru f'kawza ohra."*

Dwar il-legat remunaratorju dan huwa kkonsiderat bhala "*hlas ta' dejn"* li jista' jinkludi ukoll remunerazzjoni ghas-servigi resi (Ara **Dr. Eduardo Cutajar vs Teresa Xuereb et**, P.A. – 26 ta’ Gunju 2009). Madanakollu, l-istess Qorti fil-kaz **Attard v Agius**, citata *ante,* ipprecizat li l-legat remuneratorju mhuwiex insindikabbli billi l-Qrati taghna dejjem irritenew il-poter li jqiesu jekk il-legat huwiex sproporzjonat ghas-servigi prestati mil-legatarju (App.Civ.15.5.1939 in re **Giuseppe Pirotta et vs Maria Preca et.)** "*Kien fuq dan ir-rifless li l-Qrati Taghna rritnew li l-kontestatur f'testment unica charta jista' jhalli legat rimuneratorju minghajr ma jiddekada mill-beneficcji lilu dervanti minn testment unica charta*" ***(*Kollezz.XXIX-I-991) ccitat favorevolment fil-kaz.**

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami m'ghandux ikun hemm diffikulta` biex jigi ritenut li dak li ghamlet Giuditta Falzon kien proprju dak li hemm ikkontemplat fl-Artikolu 593 sucitat, u konsegwentement isegwi li s-sanzjonijiet komminati fl-istess dispozizzjoni ghandhom japplikaw bil-forza kollha taghhom. Dan ghaliex hija warrbet bis-shih il-volonta' ta' zewgha premorjent tant li fattwalment zvjotjat l-assi ereditarju li originarjament kienu imhollija ghall-eredi kollha ahwa Falzon u halliet porzjon sostanzjali lill-konvenut wahdu fi prelegati. Il-valur tal-prelegati moghtija jizboq ferm in-natura ta' servigi rezi, u konsegwentement m'ghandhomx jitqiesu bhala legati remuneratorji fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, imma, minnflok, bhala liberalita' favur l-intimat .

Fil-kaz taht ezami, mhuwiex ikkontestat li l-intimat kien ippresta servigi a beneficcju ta' ommu fl-ahhar snin ta' hajjitha. Hekk ukoll ikkonkludiet il-Perit Legali wara li ezaminat bir-reqqa l-provi migbura. Effettivament jirrizulta lil din il-Qorti li l-konvenut kien baqa' jabita fid-dar flimkien ma' ommu, u dan wkoll *stante* li fit-testment *unica charta*, il-konjugi Falzon hallew il-jedd ta' uzu u abitazzjoni *in limine intus* lil dawk minn fost uliedhom li jibqa' guvni. Kien jikkura l-bzonnijiet personali taghha, jahsilha u jsajrilha, izda kien zamm l-impieg tieghu, u kien wkoll ihallas seftura ghat-tindif tad-dar.

Jirrizulta inoltre, li l-intimat kien jikkontrolla l-finanzi kollha ta' ommu sa minn snin qabel il-mewt taghha. Difatti, fl-24 ta' Mejju 2005 (fol 334) l-intimat inhatar bhala prokuratur generali ta' Giuditta Falzon. In segwitu, hu kien zbanka

diversi ammonti mill-kont ta' ommu, kif ikkonferma x-xhud Joseph Caruana, bil-pretiza li jrid ihallas ghal spejjez fid-dar kif wera fil-prospett esebit minnu a fol 341. Tant li l-perit legali sabet li kien *ibill idejh* fil-finanzi ta' ommu. Ghalkemm vera ntefqu spejjez fid-dar tad-defunta ommu Giuditta Falzon, izda huwa thallas taghhom peress li kellu l-prokura u l-izbanki li saru, kif jidher minn Dok BOV 12 a fol 292 *et sequens*, juri li hu thallas lura ta' dawn l-ispejjez.

Dwar l-izbank tas-somma ta' €26,000 senjalat mill-Perit Legali u rapportat a fol 387 u 387 *a tergo*, dan sehh fiz-zmien (4 ta' Jannar 2011) meta Judith Falzon ma baqatx tohrog mid-dar u kienet vigenti il-prokura li tat lill-intimat. Ghalkemm il-Perit Legali tirraporta li r-rapprezentant tal-Bank ma setax jaghti iktar informazzjoni. Dan l-ammont gie depozitat f'kont iehor (BOV 12) f'isem id-decujus izda minn dan il-kont saru kwazi immedjatament diversi zbanki permezz ta' prokura li kellu Alfred Falzon, biss biss mal-€19,000 bejn Frar u Marzu 2011. Kien jispetta lill-intimat, li kellu prokura generali u konsegwentement l-amministrazzjoni tal-beni ta' ommu biex jaghti spjegazzjoni plawsibbli tal-izbanki minnu maghmula.

Fid-dawl ta' dan, il-Qorti tqis, li l-argument sostnut mill-intimat, li hu kien thallas tas-servigi resi b'legat remuneratorjuu ma' jregix.

**Ghalhekk tichad ir-raba' eccezzjoni tal-intimat.**

**Talbiet tar-Rikorrenti**

**L-Ewwel Talba tar-Rikorrenti - Konsistenza tal-assi tal-komunjoni tal-akkwisti.**

Hemm qbil bejn il-kontendenti li l-assi immobbli kollha jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti gja ezistenti bejn it-testaturi. Il-konsistenza tal-assi huwa wkoll pacifiku bejn il-partijiet. Il-Perit Legali pprezentat elenku tal-beni li din il-Qorti ser taddotta.

Ghaldaqstant, ghall-fini tal-ewwel talba tiddikjara l-konisistenza tal-assi tal-komunjoni tal-akkwisti gja ezistenti bejn id-defunti George u Giuditta Falzon fis-segwenti:

**Immobbli:**

1. Garaxx ossia mahzen 15 G Dimech Debono Street Birkirkara
2. Garaxx Nru.1 rampa ta' isfel fi Triq G. Dimech Debono Birkirkara
3. Garaxx Nru.2 Rampa ta' isfel minn Triq G. Dimech Debono Birkirkara
4. Garaxx Nru.3 Rampa ta' isfel minn triq G. Dimech Debono Birkirkara
5. Garaxx Nru.4 Rampa ta' isfel minn Triq G. Dimech Debono Birkirkara
6. Garaxx Nru.5 Rampa ta' isfel minn Triq G. Dimech Debono Birkirkara
7. Garaxx Nru.6 Rampa ta' isfel minn Triq G. Dimech Debono Birkirkara

8. Garaxx Nru.7 Rampa ta' isfel minn Triq G. Dimech Debono Birkirkara
9. Garaxx Nru.8 Rampa ta' isfel minn Triq G. Dimech Debono Birkirkara
10. Garaxx Nru.9 Rampa ta' isfel minn Triq G. Dimech Debono Birkirkara
11. Garaxx Nru.10 Rampa ta' isfel minn Triq G. Dimech Debono Birkirkara
12. Garaxx Nru.11 Rampa ta' isfel minn Triq G. Dimech Debono Birkirkara
13. Garaxx Nru.12 Rampa ta' isfel minn triq G. Dimech Debono Birkirkara
14. Garaxx Nru.13 mill-mina fi Triq G. Dimech Debono Birkirkara
15. Garaxx Nru.14 mill-mina fi Triq G. Dimech Debono Birkirkara.
16. Il-partijiet komuni kollha tal-kumpless ta' garaxxijiet imsemmi
17. Il-garaxx Sunshine Garaxx fi Triq Dimech Debono Birkirkara.
18. Garaxx iehor fi Triq Dimech Debono Birkirkara
19. Garaxx iehor kbir fi Triq G. Dimech Debono li jinsab mikri lil Eurosport
20. Somerset House Psaila Street Birkirkara.

*Dawn gew mibnija mill-genituri tal-partijiet waqt iz-zwieg, fuq l-art akkwistata b'kuntratt datat 29 ta' Dicembru 1979 b'cens annwu u perpetwu ta' €485.20.*

21. St. George's Bakery, 113, Triq Cuschieri Birkirkara
22. Terran bi tlett ikmamar tas-sodda 109 Triq Cuschieri Birkirkara.

*Fuq dan il-forn u t-terran kien hemm mibni fond sovrapost ghall-forn u terran li kien gie trasferit lil terzi soggett ghac-cens gravanti ta' Lm11*.

*Dawn gew mibnija fuq art fabrikabbli akkwistata b'kuntratt datat 1 ta' Gunju 1960 soggetta ghac-cens annwu u perpetwu ta' Lm22.05.*

23. *Showroom Sant' Antnin* Triq Dun Filippu Borg Birkirkara suggetta ghac-cens annwu u perpetwu ta' Lm4, akkwistata b'kuntratt datat 16 ta' Lulju 1969.

24. Dar numru 101 Fleur De Lys Road B'Kara bix-*showroom* anness maghha suggetta ghac-cens annwu u perpetwu ta' Lm4.

25. Plot Nru. 86 limiti tas-Salini Naxxar akkwistata permezz ta' kuntratt datat 6 ta' Dicembru 1982.

**Mobbli**

Ma giex esebit elenku tal-mobbli li jinsabu f'Somerset House u f'St George's Bakery u lanqas stima tal-istess u ghalhekk din il-Qorti ma tistax tiddeciedi dwar il-konsistenza u l-valur taghhom.

**Deheb**

Referibbilment ghal-lista tad-deheb li semmew ir-rikorrenti, la saret prova lanqas stima ta' dan, ghalhekk din il-Qorti ma tistax tistima jew taghti valur.

**Kontijiet bankarji.**

Il-kontijiet rapportati kienu f'isem Giuditta Falzon u ghalhekk ma jifformawx parti mill-komunjoni tal-akkwisti gja ezistenti bejnha u bejn zewgha permorjent. Ghal din ir-raguni l-Qorti mhx ser tiehu konjizzjoni taghhom.

**PROSPETT TA' SPEJJEZ**

Dawn l-ammonti allegatament intuzaw ghall-bzonnijiet tal-omm. L-intimat ipprezenta prospett tal-ispejjez li ma giex ikkontestat fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi. Dawn jammontaw ghal €55,134 skont il-kwantifikazzjoni tal-Perit Legali (fol 636). Uhud minn dawn l-ispejjez jidhru esorbitanti fic-cirkostanzi. Ad ezempju din il-Qorti ma tifhimx kif mara anzjana kien jehtigilha zewg televixins, u tliet sefturi (total ta' €42,200). Dan meta l-intimat kien ukoll jghix fid-dar u tifhem li kien qed igawdi u jutilizza l-*appliances* u servizzi ta' tindif. Inoltre Giuditta Falzon kellha pensjoni u kienet iddahhal il-kirjiet tul hajjitha li certament kienu bizzejjed biex jaghmlu tajjeb ghall-bzonnijiet taghha.

Fic-cirkostanzi, wara li qieset l-ibzanki kollha maghmula mill-intimat mill-kontijiet tal-omm tul hajjitha, hija tal-fehmha li gie kkumpensat tal-ispejjez li jghid li ghamel. Ghaldaqstant tqies li l-ammonti mitluba mill-intimat gja thallsu u li ma hemmx iktar passiv fuq l-eredita' ta' Giuditta Falzon favur l-intimat.

**Kirjiet**

Kif ikkonkludiet il-Perit Legali, il-posizzjoni dwar kirjiet migbura u arretrati pendenti mhi xejn cara. Tenut kont li Giuditta Falzon kellha l-uzufrutt fuq l-immobbli kollha, din il-Qorti ghalhekk ser tiehu l-valur lokatizju tal-immobbli bhala bazi *arbitrio boni viri* sabiex tikkalkula l-kirjiet li rceviet Giuditta Falzon tul hajjitha *stante* li ma kienx hemm kontestazzjoni dwar il-komputazzjonjiet maghmula mill-Perit Tekniku.

Il-Perit Tekniku rraporta valur lokatizju ghas-snin 2008 - 2017 ammontanti ghall-€243,954. Iktar il-quddiem din il-Qorti ser tispjega kif wasslet ghall-valur lokatizju mid-data tal-mewt ta' George Falzon u dan fil-konsiderandi taghha dwar it-Tielet u r-Raba' Talbiet. F'dan l-istadju ser tirreferi biss ghall-valur addizzjonali li wasslet ghaliha u cioe' €100,686.18 ikkalkulat fuq in-nofs il-valur shih ghas-snin 1985 sas-sena 2008.

Ghaldaqstant tqies li l-kirjiet ricevuti jammontaw ghall:

| | |
|---|---|
| €100,686.18+ | (1985-2007) |
| €121,977.00 | (2008 sas-sena 2014) |
| **€222,663.18** | |

Ghalhekk ser tordna li l-konvenut jghaddi lil kull wiehed u wahda mir-rikorrenti €27,832.89 rapprezentanti s-sehem dovuti lilhom bhala werrieta ta' George Falzon.

## Arretrati ta' Kera

Dwar arretrati ta' kera dovuti, din il-Qorti taqbel li ma hemmx arretrati dovuti mill-kontendenti reciprokament. Ghal dak li jirrigwarda xi arretrati dovuti minn terzi, dawn huma dovuti lill-kontendenti skont l-ishma rispettiva taghhom mill-wirt, u cioe` 1/16 kull wiehed u wahda mir-rikorrenti filwaqt li l-intimat ghandu 1/2+ 1/16 = 9/16

## I. Konkluzjoni ghall-Fini tal-Ewwel Talba

Illi ghal fini tal-ewwel talba l-Qorti tillikwida l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti ta' George u ta' Giuditta Falzon f'nofs indiviz kull wiehed u wahda minnhom ms-segwenti immobbli:

**A. Immobbli:**

1. Garaxx ossia mahzen 15 G Dimech Debono Street Birkirkara
2. Garaxx Nru.1 rampa ta’ isfel fi Triq G. Dimech Debono Birkirkara
3. Garaxx Nru.2 Rampa ta’ isfel minn Triq G. Dimech Debono Birkirkara
4. Garaxx Nru.3 Rampa ta’ isfel minn Triq G. Dimech Debono Birkirkara
5. Garaxx Nru.4 Rampa ta’ isfel minn Triq G. Dimech Debono Birkirkara
6. Garaxx Nru.5 Rampa ta’ isfel minn Triq G. Dimech Debono Birkirkara
7. Garaxx Nru.6 Rampa ta’ isfel minn Triq G. Dimech Debono Birkirkara

8. Garaxx Nru.7 Rampa ta' isfel minn Triq G. Dimech Debono Birkirkara
9. Garaxx Nru.8 Rampa ta' isfel minn Triq G. Dimech Debono Birkirkara
10. Garaxx Nru.9 Rampa ta' isfel minn Triq G. Dimech Debono Birkirkara
11. Garaxx Nru.10 Rampa ta' isfel minn Triq G. Dimech Debono Birkirkara
12. Garaxx Nru.11 Rampa ta' isfel minn Triq G. Dimech Debono Birkirkara
13. Garaxx Nru.12 Rampa ta' isfel minn Triq G. Dimech Debono Birkirkara
14. Garaxx Nru.13 mill-mina fi Triq G. Dimech Debono Birkirkara
15. Garaxx Nru.14 mill-mina fi Triq G. Dimech Debono Birkirkara
16. Il-partijiet komuni komuni kollha tal-kumpless ta' garaxxijiet imsemmi
17. Il-garaxx Sunshine Garaxx fi Triq Dimech Debono Birkirkara
18. Garaxx iehor fi Triq Dimech Debono Birkirkara
19. Garaxx iehor kbir fi Triq G. Dimech Debono li jinsab mikri lil Eurosport
20. Somerset House Psaila Street Birkirkara.
21. St. George's Bakery, 113, Triq Cuschieri Birkirkara
22. Terran bi tlett ikmamar tas-sodda 109 Triq Cuschieri Birkirkara.
23. *Showroom Sant'Antnin* Triq Dun Filippu Borg Birkirkara suggetta ghac-cens annwu u perpetwu ta' Lm4, akkwistata b'kuntratt datat 16 ta' Lulju 1969.

24. Dar numru 101 Fleur De Lys Road B'Kara bix-*showroom* anness maghha suggetta ghac-cens annwu u perpetwu ta' Lm4.
25. Plot Nru.86 limiti tas-Salini Naxxar akkwistata permezz ta' kuntratt datat 6 ta' Dicembru 1982.

**B Assi Mobbli**

Kreditu ta' kull wiehed u wahda mir-rikorrenti bhala werrieta ta' George Falzon kontra Alfred Falzon fl-ammont ta' €27,832.89 rapprezentanti s-sehem dovuti lilhom bhala werrieta ta' George Falzon mill-kirjiet ricevuti *vita durante* minn Giuditta Falzon.

**C** Nofs il-mobbli li jinsabu fid-dar Somerset House mill-ghatba il-gewwa u nofs dawk li jinsabu f'St.George's Bakery, li izda, din il-Qorti ma tistax tillikwidahom jew taghti valur taghhom.

**D** Dwar arretrati ta' kera dovuti minn terzi li huma dovuti lill-kontendenti skont l-ishma rispettivi taghhom mill-wirt, u cioe` 1/16 kull wiehed u wahda mir-rikorrenti filwaqt li l-intimat ghandu 1/2 + 1/16 = 9/16.

Ghal dak li jirrigwarda l-kontijiet bankarji, dawn jappartjenu lill-wirt ta' Giuditta Falzon fl-intier taghhom.

**<u>It-tieni talba:</u>**

Permezz tat-tieni talba r-rikorrenti qed jitolbu l-immissjoni fil-pussess tal-prelegati imhollija lill-kontendenti mid-defunt missierhom permezz tat-testment datat 10 ta' Jannar 1984.

Dwar l-immissjoni fil-pussess ta' prelegati, **John Buhagiar et vs Registratur tal-Qorti et,** P.A. – 4 ta' Gunju 2004, inghad:

*"Il-ligi tipprovdi li kull legat pur u semplice jaghti lil-legatarju d-dritt li jircievi l-haga mhollija lilu b'legat, izda ghalkemm il-proprjeta` tal-legat tghaddi mal-mewt tad-decujus favur il-legatarju, u anke ad insaputa tieghu, il-pussess tal-legat huwa trasferit lill-eredi per modum continuatonis u ghalhekk jehtieg it-talba tal-legatarju ghall-pussess tal-legat. L-art.726 espressament jiddisponi li 'il-legatarju ghandu jitlob lill-werriet il-pussess tal-haga mhollija b'legat. Fil-gurisprudenza, l-importanza u l-portata ta' din l-immissjoni fil-pussess hija enfatika u pacifika.* "(Appell Civili **Maurice Busuttil vs Joseph Meli** (1998) Vol. LXXXii.ii.674).

**<u>Prelegati Imhollija minn George Falzon</u>**

Illi fit-testment datat 10 ta' Jannar 1984 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Brincat thallew is-segwenti prelegati:

Lil Alfred Falzon - garaxxijiet numru 10 u San Gorg
Lil Carmelo sive Charles Falzon – garaxxijiet numru 1 u 7
Lil Gaetano Falzon - garaxxijiet numri 2 u 6
Lil Grezzju Falzon - garaxxijiet numri 14 u 9
Lil Emanuel Falzon - garaxxijiet numru 3 u 4
Lil Silvio Falzon - garaxxijiet numru13 u 11
Lil Raymond Falzon – il-garaxx bl-isem "Sunshine" u l-garaxx li jmiss mieghu f'Dimech Debono Street Birkirkara/Fleur De Lys

Lil Emanuela sive Lily Cuschieri d-dar 101 bis-*showroom* anness maghha fi Fleur de Lys Road Birkirkara.

Permezz tat-testment *unica charta* datat 7 ta' Awwissu 1985 fl-atti tan-Nutar Joseph Brincat, il-konjugi George u Giuditta Falzon hallew b'titolu ta' prelegat:

Lil Silvio sive Saviour Falzon, il-plot numru 168 mill-art tas-Swatar limiti Msida liema art kienet giet allokata lill-istess George Falzon mill-Awtorita` tad-Djar.

Ghalhekk il-kontendenti ghandhom jigu immissi fil-pussess tan-nofs (1/2) indiviz mill-prelegati imhollija lilhom minghad id-defunt George Falzon.

**<u>Prelegati mhollija minn Giuditta Falzon:</u>**

Permezz tat-testmenti a fol 19 u 20 tal-process, jirrizulta li l-intimat ghandu jigi immiss fil-pussess tan-nofs indiviz tas-segwenti proprjetajiet:

Garaxx 19, Triq Guze Dimech Debono Fleur de Lys Birkirkara
Id-dar Somerset, Triq Psaila Birkirkara, u l-mobbli kollha fiha
Id-depoziti bankarji kollha b'mod partikolari dawk fil-kontijiet 4011205249 u 4011205087
St. George's Bakery Birkirkara b'dak kollu li hemm go fih
Terran numru 109, Triq A. Cuschieri Birkirkara
Garaxx bla numru Salvatore Dun Filippo Borg Street Birikirkara
Plot is-Salina li tmiss ma' zewg toroq

Garaxx numru 12, Triq G. Debono Birkirkara kif ukoll *drive-in* tal-garaxxijiet numru 5 u 8 fl-istess.

Il-garaxx 19 gja jappartjeni lill-intimat. Ghal dak li jirrigwarda r-rimanenti immobbli, l-intimat ghandu titolu ta' nofs (1/2) indiviz mill-istess billi huwa thalla s-sehem kollu appartenenti lit-testatrici ommu.

**<u>II. Konkluzjoni tal-Qorti dwar it-Tieni Talba</u>**

Ghaldaqstant il-Qorti ser tiddisponi mit-tieni talba billi tilqa' l-istess u tordna :

I. li r-rikorrenti jigu immessi fil-pussess tas-sehem ta' nofs (1/2) indiviz mill-imsemmi beni imhollija bi prelegati lilhom mill-wirt ta' George Falzon:

Lil Carmelo sive Charles Falzon – garaxxijiet numru 1 u 7
Lil Gaetano Falzon - garaxxijiet numri 2 u 6
Lil Grezzju Falzon - garaxxijiet numri 14 u 9
Lil Emanuel Falzon - garaxxijiet numru 3 u 4
Lil Silvio Falzon - garaxxijiet numru13 u 11
Lil Raymond Falzon – il-garaxx bl-isem "Sunshine" u l-garaxx li jmiss mieghu f'Dimech Debono Street Birkirkara/Fleur De Lys.
Lil Emanuela sive Lily Cuschieri d-dar 101 bix-*showroom* anness maghha fi Fleur de Lys Road Birkirkara.
Lil Silvio sive Saviour Falzon, l-plot numru 168 mill-art tas-Swatar limiti Msida liema art kienet giet allokata lill-istess George Falzon mill-Awtorita` tad-Djar.

II. Ir-rikorrenti ghandhom jimmittu lill-konvenut fil-pussess tal-prelegat tieghu ta' nofs indiviz mill-garaxxijiet numru 10 u San Gorg li hu l-ewwel garaxx li tidhol ghalih mill-mina fuq in-naha tal-lemin li llum ghandhom in-numru 8a u 8b (Dok AS4 rapport tal-Perit Tekniku).

III. Tordna wkoll li l-intimat jiehu l-pussess tas-sehem ta' nofs mill-prelegati mhollija ilu minn ommu u cioe`:

- Garaxx 19 fi Triq Guze Dimech Debono, Fleur de Lys Birkirkara bl-isem Alfred Garage li, ghal kull bwon fini diga jappartjeni lilu
- Id-dar Somerset, Triq Psaila Birkirkara, u l-mobbli kollha fiha
- Id-depoziti bankarji kollha b'mod partikoli dawk fil-kontijiet 4011205249 u 4011205087
- St. George’s Bakery Birkirkara b'dak kollu li hemm go fih
- Terran numru 109, Triq A. Cuschieri Birkirkara
- Garaxx bla numru Salvatore Dun Filippo Borg Street Birikirkara
- Plot is-Salina li tmiss ma' zewg toroq
- Garaxx numru 12, Triq G. Debono Birkirkara kif ukoll *drive-in* tal-garaxxijiet numru 5 u 8 fl-istess
- nofs il-mobbli kollha li jinsabu mill-ghatba l-gewwa tal-fond Somerset House u f'Saint George's Bakery.

**It-Tielet Talba**

Illi bit-tielet talba r-rikorrenti qed jghidu :

*Salv il-premess tiddividi l-assi mobbiljari u immobbiljari, drittijiet reali u personali konsistenti l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn George u*

*Giuditta Falzon f'zewg ishma b'dan illi s-sehem tal-mejjet George Falzon ghandu jinqasam fi tmien porzjonijiet ugwali inkluz f' dan is-sehem il-valur tal-uzufrutt kollu li l-mejta Giuditta Falzon gawdiet minn fuq l-eredita' tal-mejjet zewgha George Falzon ossija mill-1 ta' Settembru 1985 sas-6 ta' Jannar 2014 galadarba hija bidlet it-testmenti 'unica charta' hawn fuq imsemmija meta ma kellhiex il-fakolta' 'di variare' u tassenja kull sehem ghal kull kontendent waqt li sehem il-mejta Giuditta Falzon jigi assenjat lill-intimat Alfred Falzon.*

Illi l-Perit Legali rrelatat li l-kontendenti wirtu mill-wirt ta' missierhom George Falzon f'sehem ugwali bejniethom. Huma ghandhom 1/8 mill-valur ta' nofs mill-assi rimanenti wara l-assenjazzjoni tal-prelegati li halla missierhom mis-segwenti beni:

(1) il-garaxxijiet numru 5 *Basement Driveway* Triq G. Dimech Debono Birkirkara valur fil-prezent.
(2) il garaxx numru 12 Triq G Debono Dimech Birkirkara - valur fil-prezent .
(3) il-mahzen 15, Triq G. Debono Dimech Birkirkara - valur fil-prezent .
(4) Il-partijiet komuni kollha tal-kumpless tal-garaxxijiet ghajr ghan-nofs indiviz tad-*drive-in* ghal garaxxijiet 5 u 8 fl-istess kumpless (dawn il-partijiet komuni ghandhom jibqghu indivizi bejn il-partijiet).
(5) il-fond Somerset House Triq Psaila, Birkirkara, bil-valur fil-prezent .
(6) 113, St. George’s Bakery Triq A. Cuschieri Birkirkara bil-valur fil-prezent.
(7) terran 109, Triq A. Cuschieri Birkirkara bil-valur fil-prezent.

(8) Plot 86 Salini Naxxar - valur fil-prezent - il-partijiet komuni kollha tal-istess kumpless tal-garaxxijiet ghajr nofs indiviz tad-*drive-in* ghall-garaxxijiet, 5 u 8 fl-istess kumpless.

(*Il-valur fil-prezent jirrizulta mill-istima tal-Perit Alan Saliba fuq rapportat).*

Illi rrizulta li l-Perit Tekniku ma pprezentax pjan ta' divizjoni. Inoltre l-ebda wiehed mill-partijiet ma pprezenta xi prospett ghad-divizjoni tal-proprjeta`. Illimitaw ruhhom biss li jressqu provi dwar il-konsistenza tal-assi li, fir-realta' mhumiex ikkontestati.

Illi t-talba ghad-divizjoni issir iktar komplessa gjaladarba r-rikorrenti irrinunzjaw ghall-wirt ta' ommhom u b'hekk effettivament jirtu biss l-immobbli imholli lilhom fi prelegati f'sehem ta' nofs.

Illi din il-Qorti hasbet fit-tul dwar il-kaz odjern u kkonkludiet li r-rieda tat-testaturi kif manifestat fit-testment *unica charta* ghandha kemm jista' jkun tigi rispettata. L-omm ma rrevokatx it-testment, imma varjatu biss, billi ziedet prelegati li ma kienux fost dawk imhollija fit-testment *unica charta*. B'hekk ikkonfermat dawk il-prelegati.

Ghalhekk din il-Qorti ser tikkonkludi hekk:

| | |
|---|---|
| Valur tal-proprjeta' | € 1,635,000 |
| Valur tal-prelegati imhollija fit-testment unica charta | € 697,000 |
| | € 938,000 |

**Wirt ta' George Falzon**

| | | |
|---|---|---|
| Nofs il-Valur (sehem ta' George Falzon | € | 469,000 |
| 1/8 sehem kull wiehed | € | 58,625 |

**Kwindi kull wiehed u wahda mill-kontendenti ghandu jiehu mill-wirt ta' George Falzon is-segwenti:**

**1/2 indiviz mill-proprjetajiet imholli fi prelegati rispettivament.**

**Valur ta' €58,625 ghal kull wiehed u wahda mill-kontendenti.**

**Wirt ta' Giuditta Falzon**

Illi Alfred Falzon huwa l-uniku werriet ta' Giuditta Falzon *stante* r-rinunzja tal-atturi, u ghalhekk jispetta lilu s-sehem taghha mill-assi tal-komunjoni tal-akkwisti. Huwa wiret is-segwenti minghand ommu :

(1) nofs indiviz mill-proprjetajiet imhollija lilu fi prelegati; oltre;

(2) nofs indiviz tal-partijiet komuni tal-kumpless ta' garaxxijiet ghajr id-*drive-in* ghal garaxxijiet 5 u 8 li gew imhollija lilu bhala legat. Il-partijiet komuni ma gewx stmati bi qbil bejn il-kontendenti (ara fol 22 rapport Perit Alan Saliba para 18.0);

(3) nofs indiviz tal-garaxx numru hamsa (5) *Basement Driveway* fi Triq Dun G. Debono Birkirkara;

(4) nofs indiviz tal-mahzen 15, Triq G. Dimech Debono Birkirkara stmat bil-valur tallum.

**Dritt ta' Uzu u ta' Abitazzjoni**

Dan id-dritt kellu jigi tterminat mal-iskadenza ta' hames snin mill-mewt tas-superstiti fost il-konjugi. Giuditta Falzon mietet fis-6 ta' Jannar 2014 u ghalhekk l-ebda wiehed mill-kontendenti ghandu jedd izjed ghall-uzu u abitazzjoni tal-fond Somerset House, naxxenti mit-testment *unica charta.*

**Dekadenza mid-dritt ghall-Uzufrutt ta' Giuditta Falzon**

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li s-superstiti ddekadiet mid-dritt taghha ghall-uzufrutt ghar-ragunijiet li ser jigu spjegati meta tqies ir-raba' talba. Ghalhekk ser tghaddi biex tikkalkula l-valur tal-uzufrutt li ghandu jizdied mal-assi in divizijoni dekoribbli mid-data tal-mewt ta' George Falzon.

**Valutazzjoni tal-Uzufrutt**

Ir-rikorrent Gaetano Falzon ikkalkula l-valur tal-uzufrutt abbazi tal-valur lokatizju tal-fondi tal-wirt. (fol 64 *et seq*). Dan gie kkalkulat mill-Perit Tekniku f'ammont komplessiv ta' €243,954 mis-sena 2008 sas-sena 2017, u cioe` €121,977 ghas-sehem ta' George Falzon.

Din il-Qorti ser tqies dan il-valur bhala rapprezentanti l-valur tal-uzufrutt ghall-fini tal-komputazzjoni tal-legittima, liema kwistjoni ser tigi trattata ukoll riferibbilment ghar-raba' talba.

Mal-ammont ikkalkolat mill-Perit Tekniku ser izzid ammont rapprezentanti l-valur tal-uzufrutt likwidat *arbitrio boni viri* kkalkulat bir-rata ta' 3% fuq il-valur rapportat mill-Perit Tekniku tal-immobbli ghas-sena 1985 *stante* li tqies li l-istima tal-uzufrutt jibda mid-data tal-mewt ta' George Falzon. Utilizzat dan il-formola tal-Perit Tekniku sabiex tasal ghal din il-figura u cioe`:

3% x €297.800 (valur ghas-sena 1985) x 98% x 23 (snin bejn 1985 sa 2008) = €201,372.36 u cioe` €100,686.18 fuq il-wirt ta' George Falzon.

**Total Valur Uzufrutt**

€100,686.18 ikkalkulat mis-sena 1985 sas-sena 2008
<u>€121,977.00</u> ikkalkulat mis-sena 2008 sas-sena 2014
**€222,663.18**

Ghalhekk ser tordna li l-konvenut jghaddi lil kull wiehed u wahda mir-rikorrenti €27,832.89 rapprezentanti s-sehem dovuti lilhom bhala werrieta ta' George Falzon.

**DIVIZJONI U ASSENJAZZJONI**

Ghar-ragunijiet fuq spjegati, din il-Qorti taqbel li m'ghandhiex tifframmenta l-prelegati kemm jista' jkun. Hemm bosta proprjetajiet u tmien ahwa.

**Inoltre qed taddotta bhala taghha il-valutazzjoni tal-Perit Alan Saliba a fol 496-498 tal-process, bhala bazi tal-kalkoli taghha.**

Gja ikkalkulat li r-rikorrenti u l-intimat ghandhom sehem ta' **€58,625** mill-wirt ta' George Falzon filwaqt li r-rikorrenti kollha ghandhom kreditu kontra l-intimat ta' €27,832.89.

**III. Konkluzjoni dwar it-Tielet Talba**

1. Tillikwida l-valur tal-wirt ta' George Falzon eskluz il-valur tal-prelegati fl-ammont ta' **€58,625** ghal kull wiehed u wahda mill-kontendenti.

2. Tillikwida favur kull wiehed u wahda mir-rikorrenti kreditu rapprezentanti l-valur tal-uzufrutt ta' Giuditta Falzon li iddekadiet minnha skont kif gie trattat, fl-ammont ta' €27,832.89 pagabbli mill-intimat Alfred Falzon.

3. Tordna li jigu assenjati in pjena proprjeta` lil kull wiehed u wahda mill-kontendenti il-proprjetajiet imhollija lilhom fi prelegat skont kif jinsab dispost fit-testmenti *unica charta* ta' George u Giuditta Falzon a fol 8-13 tal-process *verso* t-tpacija tal-valur tan-nofs ta' kull proprjeta' (billi dan jappartjeni lill-wirt ta' Giuditta Falzon) kontra d-debitu dovut minn Alfred Falzon imsemmi bil-paragrafu antecedenti, kollox abbazi tal-valuri rapportati ghas-sena 2017 mill-Perit Tekniku. F'kaz li jibqa' bilanc favur Alfred Falzon, dan jitnaqqas mis-somma li ghandha tithallas mill-istess Alfred Falzon lil kondividend partikolari bhala sehemu/sehemha mis-sehem riservat li ser jigi kkomputat iktar 'il quddiem. L-

assenjazzjoni issir bid-drittijiet u bil-pertinenzi kollha inkluz sehem indiviz mill-partijiet komuni mill-istess kumpless ta' garaxxijiet ghajr in-nofs indiviz tad-*drive-in* 5 u 8 fl-istess kumpless.

4. Alfred Falzon jigi assenjat in pjena proprjeta` in-nofs indiviz tad-dar Somerset House li ghandha valur ta' €360,000. Billi wiret nofs id-dar minghand l-omm fi prelegat, ghandu ihallas ekwiparazzjoni lir-rikorrenti fl-ammont ta' €180,000 (nofs ta' George Falzon) - €58,625 (sehemu mill-wirt) = €121,375 ossia €17,339.28 kull wiehed u wahda mir-rikorrenti. Jigi assenjat ukoll il-garaxx numru 19 fi Triq Guze Dimech Debono Birkirkara in pjena proprjeta` u ma hemm xejn dovut in ekwiparazzjoni *stante* li l-Perit Legali ikkonkludiet li dan il-garaxx jappartjeni gja lill-intimat (fol 641).

**Proprjetajiet rimanenti**

5. Billi ma jirrizultax li l-partijiet ipproponew xi prospett ta' qasma din il-Qorti ser tordna l-bejgh in licitazzjoni tar-rimanenti proprjetajiet immobbiljari kif jigi provvdut bit-Tmien talba.

| Proprjeta` | Valur 2017<br>€ |
|---|---|
| Garaxx<br>5, *Basement Driveway*, Triq G. Dimech Debono B'Kara | 34,000 |
| Garaxx<br>12, *Basement Driveway*, Triq G. Dimech Debono B'Kara | 34,000 |

| | |
|---|---|
| Mahzen<br>15, Triq G. Dimech Debono<br>B'Kara | 187,000 |
| Terran<br>109, Triq A. Cuschieri, B'Kara | 85,000 |
| Forn<br>113, St. George's Bakery, Triq<br>A. Cuschieri B'Kara | 104,000 |
| *Showroom*<br>Sant Antnin, Triq Dun Filippo<br>Borg B'Kara | 125,000 |
| Plot<br>Plot 86, Limiti tas-Salini, Naxxar | 17,000 |

**Ir-Raba' u l-Hames Talbiet:**

**Sehem riservat spettanti mill-wirt tal-omm Giuditta Falzon:**

Fil-kaz in ezami ir-rikorrenti rrinunzjaw ghall-wirt ta' ommhom Giuditta Falzon, izda zammew ferm id-dritt taghhom ghas-sehem rservat. Ghalhekk l-intimat wahdu huwa l-werriet ta' Giuditta Falzon.

Giuditta Falzon mietet fis-6 ta' Jannar 2014 u ghalhekk japplikaw id-disposizzjonijiet tal-artikolu 615 tal-Kap 16 kif emmendati bl-**Att XVIII tal-2004** skont liema il-legittima illum issejjah porzjoni rizervata, fis-sens li d-dritt hu kreditu tal-valur tal-porzjon riservat fil-konfront tal-eredita`. B'hekk, tnehha wkoll il-kuncett tas-sehem in natura mill-beni tal-mejjet.

Inoltre`, mid-data tal-ftuh tas-successjoni, imghax bir-rata legali jiddekorri fuq il-kreditu jekk il-porzjon riservat hu mitlub fi zmien sentejn mid-data tal-ftuh tas-successjoni jew mid-data tan-notifika ta' ittra ufficjali jekk it-talba ssir wara l-imsemmija sentejn. Skont id-disposizzjoni transitorja fl-Att XVIII, dawn l-emendi japplikaw ghal successjonijiet li jsehhu wara li l-provvedimenti relattivi jidhlu fis-sehh (l-1 ta' Marzu tas-sena 2005[25]).

Illi s-sehem riservat fil-kaz in ezami huwa ta' nofs il-valur tal-beni tad-decujus ripartit bejn tmienja u cioe` 1/16 kull wiehed u wahda mir-rikorrenti mill-proprjeta' tal-omm (**artikolu 616 tal-Kap 16**).

**Torrente** f' "Manuale di Diritto Privato" p. 934 *et seq*., ighid:

*"Per determinare l'ammontare delle quote di cui il decuius poteva disporre devesi procedere:*

*a) alla formazione della massa di tutti i beni che appertenevano al defunto all'epoca della sua morte;*

*b) alla detrazione dei debiti*

*c) alla riunione fittizia delle donazioni al patrimonio netto."*

Ighid ukoll li *ai fini* tar-*riunione fittizia* "*si calcolano i valori dei beni che appartenevono al defunto al tempo dell'apertura della successione (ir relictum - cio che e' satato lasciato). Dalla somma stessa si detraggano i debiti…..Al risultato cosi*

[25] LN. 48 of 2005

*ottenuta si aggiungono i beni di cui il testatore abbia eventualmente disposto in vita a titolo di donazione (donatum) di regola secondo il valore che avevano al tempo dell'apertura della successione. Sull'asse cosi formate si calcola la quota di cui il testatore poteva disporre (disponibile)."*

**Komputazzjoni u kwantifikazzjoni tas-Sehem Riservat**

Rigward il-kwantifikazzjoni tas-sehem riservat, il-Qorti ser takkolji l-kalkoli u l-kwantifikazzjoni tal-Perti Legali. Jirrizulta li dawn il-kwantifikazzjonijiet mhumiex bl-ebda mod ikkontestati u ghalhekk ser jigu elenkati l-kalkoli rigward is-sehem riservat kif likwidat mill-Perit Legali li ghandu jithallas lir-rikorrenti

**<u>Kwantifikazzjoni tas-sehem riservat:</u>**

**Immobbli:**

1. Garaxx li jinsab 1 Sunshine Triq G Dimech Debono Birkirara – €74,000
2. Garaxx li jinsab 2, Triq G. Dimech Debono Birkirkara – €58,000
3. Garaxx 1 *Basement Driveway* fl-istess triq - €18,000
4. Garaxx 2 *Basement Driveway* fl-istess triq - €18,000
5. Garaxx 3 *Basement Driveway* fl-istess triq – €21,000
6. Garaxx 4 *Basement Driveway* fl-istess triq – €25,000
7. Garaxx 5 *Basement Driveway* fl-istess triq – €25,000
8. Garaxx 6 *Basement Driveway* fl-istess triq – €25,000
9. Garaxx 7 *Basement Driveway* fl-istess triq – €28,000

10. Garaxx 8 *Basement Driveway* fl-istess triq – €25,000
11. Garaxx 9 *Basement Driveway* fl-istess triq – €36,000
12. Garaxx 10 *Basement Driveway* fl-istess triq – €41,000
13. Garaxx 11, *Basement Driveway* fl-istess triq – €38,000
14. Garaxx 12, *Basement Driveway* fl-istess triq – €34,000
15. Garaxx 8 *Driveway* fl-istess triq – €48,000
16. Garaxx 13, *Driveway* fl-istess triq – €25,000
17. Garaxx 14, *Driveway* fl-istess triq – €25,000
18. Mahzen 15 fl-istess triq – 187,000
19. Fons Somerset House Triq Salvu Psaila Birkirkara – €360,000
20. 109, Triq A. Cuschieri Birkirkara – €86,000
21. 113 St George s Bakery Triq A Cuschieri Birkirkara – €104,000
22. 1010, Euphrates Triq Fleur De Lys Birkirkara – €195,000
23. *Showroom* Sant Antnin Triq Dun Filippu Borg Birkirkara – €125,000
24. Plot 86 Limiti tas-Salini Naxxar – €17,000
25. Forn 109/113 St George's Bakery Triq A Cuschieri Birkirkara – €104,000

**Total Valur Immobbli €1,598,800** (fid-data tal-mewt ta' Giuditta Falzon).

**<u>Telfien u Valur tal-Uzufrutt</u>**

**<u>It-telfien ta' dritt ta' uzufrutt minn Giuditta Falzon:</u>**

Ir-rikorrenti qed jikkontendu fil-premessi u fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, li ommhom Giuditta Falzon ma

kellhiex il-fakolta *di variare*, u kwindi, meta, sussegwentement ghat-testment *unica charta,* iddisponiet mill-beni taghha bit-testmenti agguntivi, hija tilfet id-dritt tal-uzufrutt tal-massa ereditarja tad-defunt George Falzon.

Fil-kaz taht ezami, mhuwiex ikkontestat li l-intimat kien ippresta servigi lil ommu fl-ahhar snin ta' hajjitha, ghalkemm hemm certa riservi li jirrizultaw mix-xhieda, fejn ir-rikorrenti sostnew li ommhom kienet dejjem tinzamm f'kamra fuq mimlija umdita`, li baqghet ma nzebghetx minhabba pika bejn l-ahwa, ulied Giuditta Falzon, u b'riservi ohra li jirizultaw mix-xhieda. Izda, jibqa' l-fatt li s-servigi kien twettaq mill-intimat peress li hu kien guvni, u baqa' ighix fl-istess dar ma' ommu u hutu l-ohra kollha kienu mizzewgin.

Fil-kaz in ezami, Giuditta Falzon fit-tieni testment taghha, datat 28 ta' Marzu 2009, ikkonfermat it-testmenti *unica charta* precedenti u ordnat, bhala addizzjoni, titolu ta' prelegat lil binha Alfred Falzon bhala kumpens ghas-servigi.

Dwar il-konsegwenzi f'kaz ta' varjazzjoni ta' wiehed mit-testaturi wara li kien hemm testment *unica charta*, **l-artikolu 593 tal-Kodici Civili** jiddisponi:

*"(1) Izda kemm-il darba f'testment unica charta, t-testaturi jkunu hallew wiehed lill-iehor, bi proprjeta` jew b'uzufrutt, il-hwejjeg taghhom kollha, jew il-bicca l-kbira taghhom, it-testatur li jibqa'  haj wara l-iehor u li jhassar it-testment kwantu ghall-assi tieghu, jitlef, jekk it-testatur li imut qabel ma jkunx iddispona xort' ohra kull jedd li kellu bis-sahha ta' dak it-testment fuq l-assi tat-testatur li jmut qabel".*

*(2) Din ir-regola tghodd ukoll meta, ghad li t-testatur jibqa' haj wara l-iehor ma jkunx hassar it-testment, dan it-testment ma jkun jista' jkollu effett kwantu ghall-assi tieghu."*

**L-artikolu 594 tal-Kodici Civili** ikompli jipprovdi:

*"F'kull wiehed mill-kazijiet imsemmija fl-ahhar artikolu qabel dan, l-assi tat-testatur li jmut l-ewwel, bil-frottijiet kollha minn dakinhar tal-mewt tieghu, jghaddi kollu, jekk huwa stess ma jkunx iddispona xort ohra, lill-werrieta minnhom mahtura, jew fin-nuqqas ta' dawn, lill-werrieta tieghu legittimi bla hsara tal-legati li jkun u gew imhollija lil persuna diversa mit-testatur li jkun hassar id-dispozizzjonijiet tieghu jew li minhabba l-ghemil tieghu dawn id-disposizzjonijiet ma jistax ikollhom effett."*

Dan jimplika, li ladarba, Giuditta Falzon ghamlet testmenti ohra sussegwenti ghat-testmenti *unica charta* ma' zewgha, hija ddekadiet mid-drittijiet li kellha taht l-istess testmenti, fosthom mid-dritt ta' uzufrutt fuq il-wirt tad-defunt zewgha George Falzon. Difatti, id-dekadenza hija awtomatika kemm-il darba jigu soddisfatti l-kondizzjonijiet imposti mil-ligi. (Ara **Victoria Xuereb et vs Angiolina Aquilina**, Qorti tal-Appell - 18 ta' Gunju 2012).

Fid-dawl ta' dan, it-testmenti li ghamlet Giuditta Falzon jibqghu validi, izda, bl-applikazzjoni tal-artikoli tal-ligi sucitati, hija titlef id-dritt li tgawdi mill-uzufrutt li hallielha zewgha *stante* li skatta awtomatikament dak komminat fl-**artikolu 593 tal-Kodici Civili**.

Illi madanakollu din il-Qorti ma taqbilx ma dak relatat mill-Perit Legali fis-sens li l-uzufrutt jintilef mid-data tal-ewwel testment ta' Giuditta Falzon. Il-legislatur stess huwa car dwar dan meta jiddisponi li "*l-assi tat-testatur li jmut l-ewwel, bil-frottijiet kollha <u>minn dakinhar tal-mewt tieghu</u> jghaddi kollu....".* Ghaldaqstant ghandhom ragun ir-rikorrenti li jitolbu l-komputazzjoni tal-uzufrutt mid-data tal-mewt ta' George Falzon, cioe` l-1 ta' Settembru 1985 u mhux mill-2008, kif ikkonstatat il-Perit Legali. Ir-rikorrenti qed jissottomettu li l-obbligu tar-ritorn tal-uzufrutt huwa dovut *ex tunc*, u l-konsegwenzi komminati m'ghandhomx jibdew minn dakinhar tal-vjolazzjoni, izda mid-data tal-mewt tal-predefunt. L-istess rikorrenti kkwotaw il-kaz **Victoria Xuereb et vs Angiolina Camilleri**, Qorti tal-Appell (133/2007/2) - 3 ta' Dicembru 2010, fejn inghad:

*"Skont l-**artikolu 594**, l-assi ta' Maria Refalo, bil-frottijiet kollha minn dakinhar tal-mewt taghha, ghandhom jghaddu ghand il-werrieta taghha mahtura, u fin-nuqqas, ghand il-werrieta taghha legittimi."*

Ir-rikorrenti iccitaw ukoll mis-sentenza **Emanuela Gauci et vs Lawrence Mifsud et**, P.A. (1501/2000/1 – 4 ta' April 2006, fejn sostnew li din is-sentenza taghmilha cara illi f'kaz ta' dekadenza l-effett huwa wiehed *ex tunc* "*tant li t-testatur li jkun iddekada jitqies li qatt ma wiret u illi 'non potra chiudere niente di quella della persona premorta*."

Ghalhekk, gie sostnut mir-rikorrenti, li l-**artikolu 594 tal-Kap 16** appena jigi skattat, igib l-effetti kollha ta' kondizzjoni rizoluttiva.

Illi ghar-rigward tal-konkluzjoni tal-Perit Legali dwar it-telfien ta' dritt ta' uzufrutt ta' Giuditta Falzon, din il-Qorti taqbel li Giuditta Falzon iddekadiet mill-uzufrutt imholli lilha mill-wirt ta' zewgha.

Skont l-abbli Perit Legali:

*"Jigi ritenut li dak li ghamel wiehed mit-testaturi, jigifieri Paolo Briffa…kien proprju dak li hemm ikkontemplat fl-Artikolu 593 sucitat, u konsegwentement kellu jsegwi li s-sanzjonijiet komminati fl-istess dispozizzjoni ghandhom japplikaw bil-forza kollha taghhom. L-ligi taghna in propozitu hija cara suficcjentement u din, f'ebda hin, ma toqghod tiddistingwi dwar x'jigri f'ipotezi li min ikun varja t-testment unica charta jibqa' bhala fatt ighix u jmut wara t-testatur jew it-testatrici l-ohra…………….. Hija l-fehma ta' din il-Qorti, bil-maqlub ta' dak li gie ritenut mill-ewwel qorti, li appena Paola Briffa ghadda biex jaghmel testment iehor validu wahdu, nonostante li martu kienet ghadha hajja, minn dakinhar skattat u giet fis-sehh id-dispozizzjoni li hemm fl-artikolu 593 tal-Kodici Civili.* (Ara **Mary Caruana et vs Giuseppina Ainsworth**, (921/1997/1), Qorti tal-Appell - 31 ta' Ottubru 2007, **Victoria Xuereb et vs Angionina Aquilina**, Qorti tal-Appell - 18 ta' Gunju 2012).

*In vista* tas-suespost, din il-Qorti ser takkolji t-tezi tar-rikorrenti u tikkomputa d-dekadenza *ex tunc*, u cioe` dekorribbli mid-data tal-mewt ta' George Falzon.

**Valutazzjoni tal-Uzufrutt**

Din il-Qorti taghmel referenza ghal dak rapportat fil-konsiderazzjonijiet taghha dwar it-tielet talba fejn spjegat il-bazi tal-komputazzjoni tal-uzufrutt *ex tunc* mid-data tal-mewt ta' George Falzon.

Ghall-kjarezza ser terga' tirraporta l-valuri u cioe`:

**Total Valur Uzufrutt**

| | |
|---|---|
| €100,686.18 | ikkalkulat mis-sena 1985 sas-sena 2008 |
| <u>€121,977.00</u> | ikkalkulat mis-sena 2008 sas-sena 2014 |
| **€222,663.18** | |

**<u>IV Konkluzjoni dwar ir-Raba' Talba</u>**

| | |
|---|---|
| **Valur Immobbli (1/2 x €1,598.900)** | **€799,400** |
| **Valur Uzufrutt** | **<u>€222,663</u>** |
| | **€1,022,063** |

**Sehem riservat : 1/8 x 1/2 = 1/16 = €63,878.93**
**ghal kull wiehed u wahda mir-rikorrenti.**

Ghal dak li jirrigwarda l-kontijiet bankarji din il-Qorti ma taqbilx li dawn ghandhom jigu kkomputati ghall-fini tas-sehem riservat billi gew utilizzati ghall-bzonnijiet u spejjez

tal-omm u kwalsiasi bilanc jigi pacut kontra u ghas-saldu ta' kull pretensjoni li jista' jkollu l-konvenut ghal xi spejjez maghmula.

**Imghax fuq is-Sehem Riservat tar-Rikorrenti**

Jibda biex jinghad li l-Perit Legali, f'dan il-kaz ikkonkludiet fir-rapport taghha, li ghandu jithallas imghax ta' erbgha fil-mija (4%) fuq is-sehem riservat dovut lir-rikorrenti, li ghandu jibda jiddekorri b'effett mill-21 ta' Marzu 2014.

Illi dan il-punt qed jigi kkontestat mir-rikorrenti, fit-trattazzjoni, kif ukoll fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, fis-sens, li qed jigi pretiz li jithallsu l-ammont ta' tmienja fil-mija (8%) f'imghaxijiet kif stipulat fl-**artikolu 1139 tal-Kodici Civili,** minflok erbgha fil-mija (4%). Illi gie sottomess ukoll mir-rikorrenti, li l-imghax ghandu jibda jiddekorri mis-6 ta' Jannar 2014, ossija mid-data tal-mewt ta' Giuditta Falzon, u mid-data tal-ftuh tas-successjoni, *stante* li l-ittra ufficjali li biha ntalab is-sehem riservat ntbaghat *entro* s-sentejn previsti mil-ligi, u mhux mid-data tal-ittra ufficjali ossija l-21 ta' Marzu 2014, kif ikkonkludiet il-perit legali. F'dan il-kuntest, saret referenza ghall-kaz **Raffaela Vella vs Saviour Vella et**, PA (440/2010) (JZM) - 29 ta' Frar 2016, fejn gie sottolineat l-punt li d-data tal-likwidazzjoni tal-legittima ghandha tittiehed, meta ssir id-divizjoni.

Il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tar-rikorrenti li l-imghaxijiet jibdew jiddekkorru minkejja li s-sehem riservat ghadu ma giet likwidat. Il-legislatur kien jipprovdi xort'ohra altrimenti.

Illi fil-kaz, **Maria Ellul vs Joseph Axiaq**, P.A (LFS) gie ritenut, li fejn *si tratta* ta' imghaxijiet fuq sehem riservat, ma jistax jigi invokat il-principju li ladarba l-ammont tas-sehem riservat mhux likwidu allura dak huwa debitu incert u *da liquidarsi*. Il-Qorti qalet hekk:

*"Izda ghalkemm ir-regola normali hija kif qed isostni l-intimat, hawnhekk ghandha sezzjoni specifika tal-ligi li taghmilha obbligatorja dwar l-imghax ."*

Ir-rikorrenti qed jitolbu l-hlas tal-imghax skont kif provvdut fl-**artikolu 615 tal-Kap 16** li jghid hekk:

*"(2) L-imsemmi jedd huwa kreditu tal-valur tas-sehem riservat kontra l-beni tal-mejjet. Imghaxijiet bir-rata stabbilita fl-artikolu 1139 ghandhom jigu mizjuda ma' dak il-kreditu mid-data tal-ftuh tas-successjoni jekk is-sehem riservat jintalab fi zmien sentejn minn dik id-data jew mid-data tan-notifika ta' att gudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jkun ghadda dak il-perjodu ta' sentejn."*

*"Izda l-Qorti tista' fejn ic-cirkostanzi tal-kaz hekk jehtiegu, tiddeciedi li ma jinghatax imghax jew tistabbilixxi rata ta' imghax li tista' tkun inqas minn dik stipulata fl-artikolu 1139."*

Izda kif jistipula l-istess artikolu 615 tal-Kodici Civili, il-Qorti tista' fejn ic-cirkostanzi tal-kaz hekk jehtiegu, tiddeciedi li ma jinghatax imghax jew tistabbilixxi r-rata ta' imghax li tista' tkun anqas minn dik stipulata fl-artikolu 1139 (tmienja fil-mija - 8%).

Hawnhekk din il-Qorti ser taghmel referenza, ghall-kaz **Anthony Haber et vs Marlene Miceli et**, P.A. (133/2010) (JZM) - 30 ta' Ottubru 2014, fejn inghad:

*"Kien l-Att XVIII tal-2004 li dahhal l-imghax fuq il-valur tas-sehem riservat fl-Artikolu 615 tal-Kap 16. Fl-artikolu 116(2) ta' dak l-Att jinghad li t-tibdil effetwat fir-rigward tal-artikolu 615 kellu jghodd biss ghas-successjonijiet illi jkunu infethu u sehhew wara d-dhul fis-sehh tal-Att."*

Ikkonsidrat li r-rikorrenti baghtu ittra ufficjali lill-intimat, liema ittra ufficjali giet ipprezentatat fil-21 ta' Marzu 2014, in segwitu ghall-mewt tal-istess testatrici, li mietet fis-6 ta' Jannar 2014, kwindi, fit-terminu ta' sentejn mid-data tal-ftuh tas-successjoni. Dan iwassal ghal imghaxijiet li ghandhom jibdew jiddekorru mid-data tal-ittra ufficjali.

Illi rigward ir-rata tal-imghax, din il-Qorti ser tapplika r-rata ta' 4% tenut kont ic-cirkostanzi tal-kaz. Il-legislatur halla l-applikazzjoni tar-rata ta' imghax fid-diskrezzjoni tal-Qorti sedenti adita b'kawza bhal din. Fil-kaz odjern *stante* l-kumplessita' tal-kaz u anke l-valuri involuti, din il-Qorti hija tal-fehma li rata ridotta ta' 4% ikun aktar gust u ekwu.

Ghaldaqstant, r-rikorrenti ghandhom jithallsu l-imghax bir-rata ta' erbgha fil-mija (4%) fuq l-ammont tas-sehem riservat li ghadu kif gie likwidat sa mid-data tal-ittra ufficjali, u cioe` mill-21 ta' Marzu 2014 sad-data tal-pagament effettiv.

## IV. Konkluzjoni dwar ir-Raba' u l-Hames Talbiet

Ghaldaqstant din il-Qorti qed tillikwida l-valur tas-sehem riservat dovut lir-rikorrenti mill-wirt ta’ ommhom fl-ammont ta' €63,878.93 u konsegwentement tikkundanna lill-intimat Alfred Falzon ihallas lir-rikorrenti dan is-sehem riservat bl-imghax ikkalkulat bir-rata ta'erbgha fil-mija (4%) mid-data tal-ittra ufficjali, u cioe` mill-21 ta’ Marzu 2014 sad-data tal-pagament effettiv.

**Is-Sitt, is-Seba' u t-Tmien Talbiet**

Dawn qed talbiet qed jigu milqugha billi jikkonsegwu mit-talbiet l-ohra.

## VIII. Konkluzjoni dwar it-Tmien Talba

Din il-Qorti gja pprovdiet dwar assenjazzjonijiet ta' xi proprjetajiet versu ekwiparazzjoni/tpacija bejn il-kondividendi meta kkonsidrat it-Tielet Talba attrici. Ghal dak li jirrigwarda r-rimanenti proprjetajiet, dawn huma mizmuma *pro indiviso* kwantu ghan-nofs + 1/16 = 9/16 sehem appartenenti lill-konvenut u 1/16 appartenenti lil kull wiehed mir-rikorrenti u cioe`:

| **Proprjeta`** | **Valur 2017**<br>**€** |
|---|---|
| Garaxx<br>5, *Basement Driveway*, Triq G. Dimech Debono B’Kara | 34,000 |
| Garaxx | 34,000 |

| | |
|---|---|
| 12, *Basement Driveway*, Triq G. Dimech Debono B'Kara | |
| Mahzen<br>15, Triq G. Dimech Debono B'Kara | 187,000 |
| Terran<br>109, Triq A. Cuschieri, B'Kara | 85,000 |
| Forn<br>113, St. George's Bakery, Triq A. Cuschieri B'Kara | 104,000 |
| *Showroom*<br>Sant Antnin, Triq Dun Filippo Borg B'Kara | 125,000 |
| Plot<br>Plot 86, Limiti tas-Salini, Naxxar | 17,000 |

Illi hija tqies li dawn il-proprjetajiet mhumiex komodament divizibbli u konsegwentement ghar-rigward tal-imsemmija prorjetajiet tiddisponi mit-talbiet tar-rikorrent, billi tordna li jsir il-bejgh b'licitazzjoni, bil-procedura mfissra mil-ligi ghall-bejgh bl-irkant, tal-proprjetajiet imsemmija kif deskritti fir-rapport tal-perit Tekniku Alan Saliba a fol 465 sa 498 tal-process, liema rapport jitqies li huwa parti integrali ta' din is-sentenza ghall-fini tat-talbiet u komputazzjonijiet kollha, bid-drittijiet u pertinenzi taghhom kollha bil-prezz stabbilit abbazi tal-istima moghtija mill-istess Perit Tekniku Alan Saliba.

Ir-rikavat mill-bejgh jigi maqsum bejn il-kontendenti fil-kwoti imsemmija taghhom, cioe` n-nofs favur l-konvenut filwaqt li n-nofs rimanenti jinqasam ugwalment fi tmien partijiet bejn il-kontendenti kollha.

## III. KONKLUZJONI

Illi ghalhekk, ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta'** u **tiddeciedi** billi tichad l-eccezzjonijiet tal-intimat ghar-ragunijiet spjegati u tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif gej:

1. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddikjara l-konsistenza tal-assi u immobbli, drittijiet reali u personali konsistenti l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn id-defunti George u Giuditta Falzon, kif murija fil-parti ta' din is-sentenza "**I. Konkluzjoni ghall-Fini tal-Ewwel Talba".**

2. Tiddisponi mit-tieni talba billi tilqa' l-istess u timmitti lill-kontendenti fil-pussess tal-prelegati imhollija lill-partijiet, kif jidher fil-parti tas-sentenza "**II. Konkluzjoni tal-Qorti dwar it-Tieni Talba".**

3. Tiddisponi mit-tielet talba tar-rikorrenti kif spjegati fil-parti intestata **"III. Konkluzjoni dwar it-Tielet Talba"** f'din is-sentenza.

4. Tilqa' r-raba' talba u tillikwida s-sehem riservat dovut lir-rikorrenti, hekk kif ikkalkulat fuq l-immobbli, kirjiet u kontijiet bankarji mill-eredita` tal-mejta Giuditta Falzon kif spjegat fil-parti ta' din is-sentenza intestata "**IV. Konkluzjoni dwar ir-Raba' u l-Hames Talbiet"** fl-ammont ta' **€63,878.93** ghal kull wiehed u wahda minnhom.

5. Tilqa' l-hames talba u tikkundanna lill-intimat Alfred Falzon ihallas lir-rikorrenti is-sehem riservat kif hekk likwidat dovut lilhom mill-eredita` tal-mejta Giuditta Falzon inkluz l-

imghaxijiet ta' erbgha fil-mija (4%) mid-data tal-prezentata tal-ittra ufficjali, mill-21 ta' Marzu 2014 sad-data tal-pagament effettiv.

6. Tilqa' s-sitt talba u tinnomina lin-nutar Dottor Mary Grech Pace sabiex tippubblika l-att ta' divizjoni relattiv u immissjoni fil-pussess tal-prelegati imsemmija hawn fuq.

7. Tilqa' s-seba' talba u tinnomina lill-Dr. Rose Galea Testaferrata kuratrici deputata sabiex tirraprezenta l-eventwali kontumacja fuq l-att relattiv ta' divizjoni u immissjoni fil-pussess tal-prelegati hawn fuq imsemmija.

8. Tilqa' t-tmien talba tar-rikorrenti skont kif dispost fil-parti ta' din is-sentenza intestata "**VIII Konkluzjoni dwar it-Tmien Talba"** u tordna l-bejgh b'licitazzjoni tal-beni hemm elenkati billi mhumiex komodament divisibbli bejn il-partijiet kollha, li ghandu jsir nhar is-**27 ta' Gunju 2019 f'12:00p.m.** fil-bini tal-Qorti u kull parti jkollha d-dritt li titlob lill-barranin jigu mistiedna sabiex joffru fil-bejgh b'avviz mahrug f'gurnal lokali wiehed, mill-anqas sitt (6) ijiem qabel il-jum imholli ghall-bejgh. Ir-rikavat huwa divizibbli bejn il-kontendenti skont il-kwota ereditarju taghhom . Kull parti ihallas l-ispejjez konnessi mat-taxxa dovuta tieghu/taghha.

**L-ispejjez gudizzjarji jithallsu mill-intimat filwaqt li l-ispejjez tal-licitazzjoni jithallsu mill-kontendenti skont**

**is-sehem ereditarju rispettiv taghhom u cioe` n-nofs mill-konvenut filwaqt li n-nofs rimanenti jinqasam ugwalment fi tmien partijiet bejn il-kontendenti kollha.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**11 ta' April 2019**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**11 ta' April 2019**